Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 753/2011

tal-1 ta' Awwissu 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

(ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 968/2011 tad-29 ta' Settembru 2011	L 257	1	1.10.2011
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1049/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011	L 276	2	21.10.2011
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 263/2012 tat-23 ta' Marzu 2012	L 87	1	24.3.2012
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 543/2012 tal-25 ta' Ġunju 2012	L 165	15	26.6.2012
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 643/2012 tas-16 ta' Lulju 2012	L 187	13	17.7.2012
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 705/2012 tal-1 ta' Awwissu 2012	L 206	5	2.8.2012
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1139/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012	L 332	1	4.12.2012
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1244/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012	L 352	13	21.12.2012
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 86/2013 tal-31 ta' Jannar 2013	L 32	5	1.2.2013
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 261/2013 tal-21 ta' Marzu 2013	L 82	18	22.3.2013
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 451/2013 tas-16 ta' Mejju 2013	L 133	1	17.5.2013
►M12	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 261/2014 tal-14 ta' Marzu 2014	L 76	6	15.3.2014
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 263/2014 tal-14 ta' Marzu 2014	L 76	11	15.3.2014
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1057/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014	L 293	1	9.10.2014
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1322 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	1	1.8.2015

►**M17**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2043 tas-16 ta' Novembru 2015	L 300	1	17.11.2015
►**M18**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1736 tad-29 ta' Settembru 2016	L 264	8	30.9.2016
►**M19**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/404 tas-7 ta' Marzu 2017	L 63	20	9.3.2017

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 6, 10.1.2012, p. 12 (1049/2011)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 294, 10.10.2014, p. 57 (753/2011)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 753/2011

tal-1 ta' Awwissu 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet ta' flus, kambjali, money orders u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli ta' sigurtà u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi stocks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw it-titoli ta' sigurtà, bonds, noti, garanziji, ċedoli ta' obbligazzjoni u kuntratti ta' derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq, jew valur dovut minn, jew iġġenerat minn, assi;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ;

(vii) dokumenti ta' prova ta' mgħax f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(b) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal jew negozjar ta' fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe tibdil fil-volum, l-ammont, il-post, is-sjieda, il-pussess, in-natura, id-destinazzjoni tagħhom jew xi tibdil ieħor li jippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolli;

(c) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, mobbli u immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(d) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, li jinkludi, iżda li mhux limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;

(e) "assistenza teknika" tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, trasmissjoni ta' għarfien operattiv jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inklużi forom verbali ta' assistenza;

▼B

(f) “Kumitat tas-Sanzjonijiet” tfisser il-Kumitat tal-KSNU li ġie stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1988 (2011);

(g) “il-Kumitat 1267” tfisser il-Kumitat tal-KSNU li ġie stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU 1267(1999) u 1333(2000);

(h) “raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista” tfisser is-sehem li jista’ jiġi rilaxxat lill-pubbliku ta’ dikjarazzjoni ta’ każ kif ipprovdut mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u/jew, fejn applikabbli, is-sommarju narrattiv tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista kif ipprovduti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; jew fil-każ ta’ persuna, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, li qabel kienu elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta’ Meeju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-network ta’ Al-Qaida u t-Taliban ([1]), id-dikjarazzjoni tal-każ u/jew is-sommarju narrattiv tar-raġunijiet ipprovdut mill-Kumitat 1267;

(i) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-TFUE, skont il-kondizzjonijiet imniżżlin fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

Artikolu 2

Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) il-forniment, b’mod dirett jew indirett, ta’ assistenza teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([2]) (“Lista Militari Komuni”), jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ oġġetti inklużi f’dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I;

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f’attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni fil-punt (a).

Artikolu 3

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta’, jew li jinżammu jew huma kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, ta’ xi persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f’attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4

1. L-Anness I għandu jikkonsisti f’lista tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet li:

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
([2]) ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

▼B

(a) ġew elenkati, immedjatament qabel id-data tal-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1988 (2011), bħala t-Taliban, u individwi, gruppi, impriżi u entitatjiet oħra assoċjati magħhom, fit-taqsima A (“Individwi assoċjati mat-Taliban”) u t-taqsima B (“entitatjiet u gruppi u impriżi oħrajn assoċjati mat-Taliban”) tal-Lista Konsolidata tal-Kumitat 1267; jew

(b) ġew indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala individwi, gruppi, impriżi u entitatjiet assoċjati mat-Taliban u li jikkostitwixxu theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Afganistan.

2. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi jew entitajiet kif previst mill-KSNU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

3. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet ikkonċernati, kif previst mill-KSNU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista’ tinkludi ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet, tali informazzjoni tista’ tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness I għandu jinkludi wkoll id-data ta’ nominazzjoni mill-KSNU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 5

1. B’deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati fuq is-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjonijiet li jqisu li jkunu adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu:

(a) meħtieġa għall-ispejjeż bażiċi ta’ persuni elenkati fl-Anness I u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inkluż ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta’ servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklużivament għall-ħlas ta’ tariffi professjonali raġonevoli u r-rimborż ta’ spejjeż assoċjati mal-forniment ta’ servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta’ tariffi jew ħlasijiet għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati;

dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b’din id-determinazzjoni u l-intenzjoni tiegħu li jagħti l-awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għal din l-azzjoni fi żmien tliet ijiem tax-xogħol min-notifika.

▼B

2. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati fuq is-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat b'dan mill-Istat membru kkonċernat u din id-determinazzjoni tkun ġiet approvata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

3. Kwalunkwe persuna, grupp, impriża jew entità li tkun tixtieq tibbenefika mill-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2 għandha tindirizza t-talba tagħha lill-awtorità kompetenti relevanti tal-Istat Membru kif elenkat fl-Anness II.

L-awtorità kompetenti elenkata fl-Anness II għandha mill-ewwel tinnotifika kemm lill-persuna, grupp, impriża jew entità li għamlu t-talba, kif ukoll lil kull persuna, grupp, impriża jew entità magħrufa li huma direttament ikkonċernati, bil-miktub, dwar jekk it-talba ġietx milqugħa.

L-Istat Membru rilevanti għandu wkoll jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar jekk it-talba għal din l-eżenzjoni tkunx intlaqgħet.

4. Il-fondi rilaxxati u trasferiti fi ħdan l-Unjoni sabiex ikopru l-ispejjeż jew rikonoxxuti permezz ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu soġġetti għal miżuri restrittivi oħra skont l-Artikolu 3.

5. Fil-każ ta' persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament li preċedentement kienu ġew elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija preċedentement mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II fir-rigward tal-kategoriji tad-derogi deskritti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom jibqgħu japplikaw.

Artikolu 6

1. L-Artikolu 3(2) ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew li tqajmu qabel id-data li fiha dak il-kont sar soġġett għal dan ir-Regolament, jew, fil-każ ta' persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament li kienu preċedentement elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, id-data li fiha ġew soġġetti għall-ewwel darba għar-Regolament (KE) Nru 337/2000 ([1]), ir-Regolament (KE) Nru 467/2001 ([2]), jew ir-Regolament (KE) Nru 881/2002.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 337/2000 tal-14 ta' Frar 2000 dwar projbizzjoni ta' titjir u friżar tal-fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Talibani tal-Afghanistan (ĠU L 43, 16.2.2000, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU L 67, 9.3.2001, p. 1).

▼B

dment li kwalunkwe mgħax, qligħ u pagamenti oħra bħal dawn ikunu ffriżati f'konformità mal-Artikolu 3(1).

2. L-Artikolu 3(2) ma għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati, dment li kwalunkwe żieda li ssir fuq dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti dwar kwalunkwe transazzjoni bħal din mingħajr dewmien.

Artikolu 7

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew iċ-ċaħda li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew entità jew korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, dment li ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 3(2) ma għandha tagħti lok għal responsabbiltà tal-ebda tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi jew entitajiet jew korpi li għamlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati f'konformità mal-Artikolu 3, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu bħalissa, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, u għandhom jittrasmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; kif ukoll

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' dik l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew li tiġi riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

Artikolu 9

L-Istati Membri u l-Kummissjoni u għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti, b'rabta ma' dan ir-Regolament, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

▼B

Artikolu 10

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 11

1. Fejn il-KSNU jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża u entità fl-Anness I.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista, lill-persuna fiżika jew ġuridika, il-grupp, l-impriża jew l-entità imsemmija fil-paragrafu 1, direttament jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżikajew ġuridika, grupp, impriża jew entità tingħata l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, il-grupp, l-impriża jew l-entità, kif adatt.

4. Fejn in-Nazzjonijiet Uniti tiddeċiedi li tneħħi persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità mil-lista, jew li temenda d-data tal-identifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità elenkata, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness I, kif adatt.

5. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità elenkata fl-Anness I għal dan ir-Regolament, li kienet preċedentement elenkata fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 13

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li jsir xi tip ieħor ta' komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra ta' kuntatt li għandhom jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

▼B

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq, kompletament jew parzjalment, fi ħdan l-Unjoni.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

ANNESS I

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, GRUPPI, IMPRIŻI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 4

▼M19

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

(1) **Abdul Baqi Basir Awal Shah** (magħruf ukoll bħala Abdul Baqi).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika taħt ir-reġim Taliban, (b) Viċi Ministru għall-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim Taliban; (c) Dipartiment Konsulari, Ministeru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**:. Bejn l-1960 u l-1962 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid**: (a) Belt ta' Jalalabad, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Shinwar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar fl-2008. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l- Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493921

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Baqi inizjalment serva bħala Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika għar-reġim Taliban. Sussegwentement inħatar Viċi-Ministru għall-Informazzjoni u l-Kultura. Huwa serva wkoll fid-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban.

Matul l-2003, Abdul Baqi kien involut f'attivitajiet militari kontra l-gvern fid-Distretti ta' Shinwar, Achin, Naziyan u Dur Baba tal-Provinċja ta' Nangarhar. Fl-2009 kien impenjat fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet militanti fir-reġjun kollu tal-lvant, b'mod partikolari fil-Provinċja ta' Nangarhar u fil-Belt ta' Jalalabad.

(2) **Abdul Qadeer Basir Abdul Baseer** (magħruf ukoll bħala (a) Abdul Qadir, (b) Ahmad Haji, (c) Abdul Qadir Haqqani, (d) Abdul Qadir Basir).

Titlu: (a) Ġeneral, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Attaché Militari, Ambaxxata tat-Taliban, Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: 1964. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Surkh Rod, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Hisarak, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Nru tal-Passaport**: D 000974 (passaport Afgan). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Konsulent finanzjarju għall-Kunsill Militari tat-Taliban f'Peshawar u Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'Peshawar. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1474039

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Qadeer Abdul Baseer kien it-teżorier tat-Taliban f'Peshawar, il-Pakistan, fl-2009. Huwa kien il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill Militari tat-Taliban ta' Peshawar u l-kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban ta' Peshawar fil-bidu tal-2010. Huwa jgħaddi personalment il-flus mit-tmexxija tax-shura tat-Taliban lill-gruppi Talibani fil-Pakistan kollu.

(3) **Amir Abdullah** (magħruf ukoll bħala Amir Abdullah Sahib).

Raġunijiet għall-elenkar: Ex Viċi Gvernatur tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar. **Indirizz:** Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1972. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 20.7.2010.

▼M19

Informazzjoni oħra: Ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Ġamaħirija Għarbija Libjana u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. Teżorier għal Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1621271

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Amir Abdullah kien it-teżorier tal-mexxej anzjan Taliban Abdul Ghani Baradar u qabel kien il-viċi tal-gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Amir Abdullah ivvjaġġa lejn il-Kuwajt, l-Arabja Sawdija, il-Libja u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa ffaċilita wkoll il-komunikazzjoni għat-tmexxija Talibana u kkoordina laqgħat ta' livell għoli fil-parti tad-dar maħsuba għall-mistednin tar-residenza tiegħu fil-Pakistan. Abdullah għen lil bosta membri anzjani Talibani li ħarbu mill-Afganistan fl-2001 biex jistabbilixxu ruħhom fil-Pakistan.

(4) **Abdul Manan Mohammad Ishak.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: (a) Segretarju Ewlieni, Ambaxxata Talibana, Riyadh, l-Arabja Sawdija (b) Attaché Kummerċjali, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-twelid**: Bejn l-1940 u l-1941. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4652765

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Manan Mohammad Ishak kien ukoll l-Ewwel Segretarju tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija matul ir-reġim tatTaliban. Wara laħaq kmandant għoli tat-Taliban fil-Provinċji ta' Paktia, Paktika u Khost tal-Lvant tal-Afganistan. Huwa kien ukoll responsabbli għall-moviment tal-ġellieda u l-armi Talibani minn naħa għal oħra tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(5) **Abdul Rahman Agha.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Prim Imħallef tal-Qorti Militari taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza: (a)** Afgana, **(b)** Pakistana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427565

(6) **Janan Agha** (magħruf ukoll bħala Abdullah Jan Agha).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Faryab taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid: (a)** Bejn wieħed u ieħor fl-1958, **(b)** Bejn wieħed u ieħor fl-1953. **Post tat-twelid:** Belt ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u konsulent għal Mullah Mohammed Omar f'Ġunju 2010. Kien imexxi front tat-Taliban (mahaz) f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat.

▼M19

Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1428048

(7) **Sayed Mohammad Azim Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Mohammad Azim Agha, **(b)** Agha Saheb).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Direttur tad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi fil-Ministeru għall-Intern taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u ieħor fl-1966, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1969. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Kien imexxi l-"front" tat-Taliban (mahaz) u jservi bħala membru tal-kummissjoni militari tat-Taliban f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427409

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Il-kariga ta' Sayed Mohammad Azim Agha bħala impjegat mad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi saret taħt il-Ministeru għall-Intern tar-reġim Taliban.

(8) **Sayyed Ghiassouddine Agha** (magħruf ukoll bħala **(a)** Sayed Ghiasuddin Sayed Ghousuddin, **(b)** Sayyed Ghayasudin, **(c)** Sayed Ghias).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar: (a)** Ministru għall-Affarijiet tal-Haj u Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Ministru għall-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kohistan, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Faryab, Jawzjan, Sari Pul u Balkh, l-Afganistan f'Ġunju 2010. Involut fit-traffikar tad-drogi. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Diċembru 2009. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għall-grupp etniku tas-Sadat. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4652713

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Sayyed Ghiassouddine Agha kien ukoll Ministru għall-Edukazzjoni tar-reġim Taliban. Kien ukoll il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Faryab, Jawzjan, Sari Pul and Balkh, l-Afganistan, f'Ġunju 2010. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Diċembru 2009. Hu maħsub li jinsab involut fit-traffikar tad-drogi.

(9) **Mohammad Ahmadi.**

Titlu: (a) Mullah, (b) Haji. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim Taliban, (b) Ministru għall-Finanzi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Pashmul, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001

▼M19

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Kakar. Huwa membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427516

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Ahmadi ġie elenkat fit-23 ta' Frar 2001 bħala President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim Taliban, b'hekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani. Mohammad Ahmadi kien ukoll Ministru għall-Finanzi tar-reġim Taliban. Huwa kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban.

(10) **Mohammad Shafiqullah Ahmadi Fatih Khan** (magħruf ukoll bħala (a) Mohammad Shafiq Ahmadi, (b) Mullah Shafiqullah)

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1956 u l-1957. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Charmistan, Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Marghi, Distrett ta' Nawa, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Oriġinarjament mill-Provinċja ta' Ghazni, iżda aktar tard għex f'Uruzgan. Shadow governor tat-Taliban għall-Provinċja ta' Uruzgan lejn tmiem l-2012. Kien iservi bħala membru tal-Kummissjoni Militari f'Lulju 2016. Jappartjeni għat-tribù Hotak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4706955

(11) **Abdul Bari Akhund** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Mullah Sahib (b) Zakir).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Helmand taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1953. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Baghran, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Now Zad, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Alokozai. Membru tat-tmexxija tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427430

(12) **Ahmed Jan Akhundzada Wazir** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Ahmad Jan, (b) Ahmed Jan Akhund).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Ilma u l-Elettriku taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1953 u l-1958. **Post tat-twelid:** (a) Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678353

▼M19

(13) **Attiqullah Akhund.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1953. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shah Wali Kot, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Militari Suprem tat-Taliban kif ukoll tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010. Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427204

(14) **Hamidullah Akhund Sher Mohammad (**magħruf ukoll bħala (a) Janat Gul (b) Hamidullah Akhund).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1972 u l-1973. **Post tat-twelid: (a)** Raħal ta' Sarpolad, Distrett ta' Washer, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427570

(15) **Mohammad Hassan Akhund.**

Titlu: (a) Mullah, (b) Haji. Raġunijiet għall-elenkar: (a) L-Ewwel Viċi, Kunsill tal-Ministri taħt ir-reġim Taliban, (b) Ministru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban, (c) Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban, (d) Konsulent Politiku ta' Mullah Mohammed Omar. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u ieħor fl-1955-1958, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1945-1950. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Pashmul, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Assoċjat qrib ta' Mullah Mohammed Omar. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Diċembru 2009. Jappartjeni għat-tribù Kakar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427207

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Hassan Akhund huwa assoċjat qrib u Konsulent Politiku ta' Mohammed Omar.

Mohammad Hassan Akhund kien għadu mexxej attiv tat-Taliban f'nofs l-2009. Huwa kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Diċembru 2009. Huwa kien wieħed mill-aktar kmandanti effettivi tat-Taliban fil-bidu tal-2010.

(16) **Mohammad Abbas Akhund.**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar: (a)** Ministru għall-Ippjanar taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Khas Uruzgan, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban inkarigat mill-Kumitat Mediku f'Jannar 2011. F'nofs l-2013 kien jissorvelja direttament tliet ċentri mediċi li jieħdu ħsieb il-ġellieda midruba tat-Taliban. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù ta' Barakzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427417

(17) **Mohammad Essa Akhund.**

Titlu: (a) Alhaj, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Ilma, is-Sanità u l-Elettriku taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Żona ta' Mial, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427423

(18) **Ubaidullah Akhund Yar Mohammed Akhund** (magħruf ukoll bħala (a) Obaidullah Akhund, (b) Obaid Ullah Akhund).

Titlu: (a) Mullah, (b) Hadji**,** (c) **Maulavi**. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għad-Difiża taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1968, (b) 1969. **Post tat-twelid: (a)** Raħal ta' Sangisar, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (c) Żona ta' Nalgham, Distrett ta' Zheray, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Kien wieħed mid-deputati ta' Mullah Mohammed Omar u membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban, responsabbli għall-operazzjonijiet militari. Ġie arrestat fl-2007 u kien miżmum taħt kustodja fil-Pakistan. Ġie kkonfermat li miet f'Marzu 2010 u ndifen f'Karachi, Pakistan. Marbut bi żwieġ ma' Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad. Jappartjeni għat-tribù Alokozai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678686

(19) **Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada** (magħruf ukoll bħala**(a)** Ahmad Jan Akhunzada **(b)** Ahmad Jan Akhund Zada).

Titlu: (a) Maulavi **(b)** Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċji ta' Zabol u Uruzgan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn 1966 u 1967 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid: (a)** Raħal ta' Lablan, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, fil-bidu tal-2007. Ħaten Mullah Mohammed Omar. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4706028

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ahmad Jan Akhunzada Shukoor Akhunzada kien il-membru tat-Taliban inkarigat mill-Provinċja ta' Uruzgan fil-bidu tal-2007. Huwa ħaten Mullah Mohammed Omar.

▼M19

(20) **Mohammad Eshaq Akhunzada** (magħruf ukoll bħala Mohammad Ishaq Akhund).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Laghman (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Id-Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:**23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Kmandant tat-Taliban għall-Provinċja ta' Ghazni fl-2008. Jappartjeni għat-tribù Andar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665076

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fl-2008, Mohammad Eshaq Akhunzada kien il-kmandant provinċjali tat-Taliban għall-Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan, u kien għadu attiv fil-provinċja fl-2011.

(21) **Abdul Habib Alizai** (magħruf ukoll bħala: (a) Haji Agha JanAlizai, (b) Hajji Agha Jan, (c) Agha Jan Alazai, (d) Haji Loi Lala, (e) Loi Agha, (f) Abdul Habib, (g) Agha Jan Alizai آغا جان عالیزی (preċedentement elenkat bħala)).

Titlu: Haji **Raġunijiet għall-elenkar**: Mexxa netwerk tat-traffikar ta' drogi fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Data tat-twelid**: (a) 15.10.1963, (b) 14.2.1973, (c) 1967, (d) Bejn wieħed u ieħor fl-1957. **Post tat-twelid**: (a) Raħal ta' Yatimchai, Distrett ta' Musa Qala, il-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 4.11.2010.

Informazzjoni oħra: Mexxa netwerk tat-traffikar ta' drogi fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. Ivvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1684147

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Agha Jan Alizai mexxa wieħed mill-ikbar netwerks ta' traffikar tad-drogi f'Helmand, l-Afganistan, u pprovda fondi lit-Taliban bi skambju għall-protezzjoni tal-attivitajiet tiegħu ta' traffikar tan-narkotiċi. Fl-2008, grupp ta' traffikanti tan-narkotiċi, inkluż Alizai, qablu li titħallas it-taxxa Talibana fuq l-art fejn kien jinżera' l-peprin xaħxieħi bi skambju għall-qbil tat-Taliban li jorganizza t-trasport għal materjali narkotiċi. It-Talibani qablu wkoll li jipprovdu s-sigurtà għat-traffikanti tan-narkotiċi u s-siti ta' ħżin tagħhom, filwaqt li t-traffikanti jipprovdu kenn u trasport għall-ġellieda Talibani. Alizai kien ukoll involut fix-xiri ta' armi għat-Taliban u vvjaġġa regolarment lejn il-Pakistan biex jiltaqa' ma' mexxejja anzjani Talibani. Alizai ffaċilita wkoll l-akkwist ta' passaporti qarrieqa Iranjani minn membri Talibani sabiex dawn jivvjaġġaw lejn l-Iran għal taħriġ. Fl-2009, Alizai pprovda passaport u fondi lil kmandant Taliban biex jivvjaġġa lejn l-Iran.

(22) **Allah Dad Matin** (magħruf ukoll bħala **(a)** Allahdad, **(b)** Shahidwror, **(c)** Akhund).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Ministru għall-Iżvilupp Urban taħt ir-reġim Taliban, (b) President tal-Bank Ċentrali (Da Afghanistan Bank) taħt ir-reġim Taliban, (c) Kap tal-Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid: (**a) Bejn wieħed u ieħor fl-1953, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1960. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Kadani, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Tilef sieq fi splużjoni ta' mina. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427390

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Allah Dad Mati ġie elenkat fil-31 ta' Jannar 2001 bħala Ministru għall-Iżvilupp Urban tar-reġim Taliban, b'ħekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani. Allah Dad Mati, membru tat-tribù Nurzay minn Spin Boldak, kien ukoll il-President tal-Bank Ċentrali tar-reġim Taliban (Da Afghanistan Bank) u l-Kap ta' Ariana Afghan Airlines tar-reġim Taliban.

(23) **Aminullah Amin Quddus** (magħruf ukoll bħala (a) Muhammad Yusuf, (b) Aminullah Amin).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Saripul (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1973. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Loy Karez, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2011. Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678553

(24) **Mohammad Sadiq Amir Mohammad.**

Titlu: (a) Alhaj, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar**: Kap tal-Aġenzija tal-Kummerċ Afgana, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: 1934. **Post tat-twelid**: (a) Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan,(b) Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE 011252 (passaport Afgan). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Allegatament miet. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446067

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Sadiq Amir Mohammad kien membru tal-majlis shura ġdida allegatament imħabbra minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006.

(25) **Muhammad Taher Anwari** (magħruf ukoll bħala (a) Mohammad Taher Anwari, (b) Muhammad Tahir Anwari, (c) Mohammad Tahre Anwari, (d) Haji Mudir).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar: (a)** Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim Taliban, **(b)** Ministru għall-Finanzi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Andar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427388

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Il-kariga ta' Muhammad Taher Anwari bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi kienet taqa' taħt il-Kunsill tal-Ministri tar-reġim Taliban, li kien l-ogħla livell fil-ġerarkija Talibana. Kien ukoll Ministru għall-Finanzi tar-reġim Taliban.

Kien ukoll jikteb diskorsi għall-Mexxej Suprem tat-Taliban Mohammed Omar.

(26) **Arefullah Aref Ghazi Mohammad** (magħruf ukoll bħala Arefullah Aref).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Viċi Ministru għall-Finanzi taħt ir-reġim Taliban, (b) Gvernatur tal-Provinċja Ghazni taħt ir-reġim Taliban, (c) Gvernatur tal-Provinċja Paktia taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Lawang (Lawand), Distrett ta' Gelan, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Kien jidderieġi l- "front" Taliban fid-Distrett Gelan, il-Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Andar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL ul-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427419

(27) **Sayed Esmatullah Asem Abdul Quddus** (magħruf ukoll bħala (a) Esmatullah Asem, (b) Asmatullah Asem, (c) Sayed Esmatullah Asem).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: (a) Viċi Ministru għall-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim Taliban, (b) Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1967. **Post tat-twelid**: Qalayi Shaikh, Distrett ta' Chaparhar, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Mejju 2007. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tat-Taliban Peshawar Shura. Responsabbli għal attività Talibana Afgana f'Żoni Tribali taħt l-Ammistrazzjoni Federali, il-Pakistan, fl-2008. Espert ewlieni fl-IED u attakki suwiċidali fl-2012. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427438

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fil-mument meta ġie elenkat, Sayed Esmatullah Asem kien ukoll is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim Taliban. F'Mejju 2007, sar membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban. Kien ukoll membru ta' kunsill reġjonali Taliban fl-2009.

Sayed Esmatullah Asem kien il-kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani fid-Distrett ta' Chaparhar, il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Huwa kien kmandant Taliban fil-Provinċja ta' Konar, li, fl-2007, bagħat qattiela suwiċidi bil-bombi lejn diversi provinċji fil-lvant tal-Afganistan. Espert ewlieni fl-IED u attakki suwiċidali fl-2012.

Lejn tmiem l-2008, Sayed Esmatullah Asem kien responsabbli għal bażi militari ta' tħejjija Talibana fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

▼M19

(28) **Atiqullah Wali Mohammad** (magħruf ukoll bħalaAtiqullah).

Titlu: (a) Haji, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Direttur tar-Relazzjonijiet Barranin, Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban, (b) Direttur ta' Xogħlijiet Pubbliċi, Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban, **(c)** l-Ewwel Viċi Ministru għall-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban, (d) Viċi Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1962. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Khwaja Malik, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Oriġinarjament minn Uruzgan, mar joqgħod u wara kien jgħix f'Kandahar. Huwa kien membru tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2010. L-ebda rwol speċifiku fil-moviment tat-Taliban, attiv bħala negozjant fil-kapaċità personali tiegħu f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Alizai. Ħu Abdul Jalil Haqqani Wali Mohammad. Ir-rieżami skont ir-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5240911

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Wara li Kabul inqabdet mit-Taliban fl-1996, Atiqullah inħatar għal pożizzjoni f'Kandahar. Fl-1999 jew l-2000, huwa nħatar l-ewwel Viċi Ministru għall-Agrikoltura, imbagħad Viċi Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi fir-reġim Taliban. Wara l-waqgħa tar-reġim Taliban, Atiqullah sar uffiċjali tal-operazzjonijiet Talibani fin-nofsinhar tal-Afganistan. Fl-2008, huwa sar viċi tal-Gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Helmland, l-Afganistan. Kien membru tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2010.

(29) **Azizirahman Abdul Ahad.**

Titlu: Sur **Raġunijiet għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shega, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 44323 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Hotak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4640065

(30) **Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk** (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Baradar Akhund (b) Abdul Ghani Baradar).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għad-Difiża taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Yatimak, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ġie arrestat fi Frar 2010 u nżamm taħt kustodja fil-Pakistan.

Talba għall-estradizzjoni lejn l-Afganistan pendenti fil-Qorti Superjuri ta' Lahore, il-Pakistan, f'Ġunju 2011. Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Kmandant militari għoli tat-Taliban u membru tal-Kunsill Taliban fi Quetta f'Mejju 2007. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427381

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Ghani Baradar kien kmandant militari għoli tat-Taliban u membru tat-tmexxija tat-Taliban fi Frar 2010.

Bħala l-Viċi Ministru għad-Difiża tat-Taliban, kien meqjus bħala wieħed mill-viċijiet ta' Mohammed Omar u mexxa t-taqsima tal-affarijiet militari tat-Taliban.

Huwa kien membru prinċipali tan-netwerk tat-Taliban u organizza operazzjonijiet Talibani kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministru għad-Difiża tat-Taliban, Ubaidullah Akhund.

(31) **Shahabuddin Delawar.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi tal-Qorti Superjuri taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) 1957, (b) 1953. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Numru tal-passaport:** Numru tal-passaport Afgan OA296623. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Viċi Kap tal-Ambaxxata tat-Taliban f'Riyadh, l-Arabja Sawdija sal-25 ta' Settembru 1998. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427559

(32) **Dost Mohammad** (magħruf ukoll bħala Doost Mohammad).

Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Ghazni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Nawi Deh, Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Marghankecha, Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Assoċjat ma' Mullah Jalil Haqqani. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4662447

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Dost Mohammad inħatar ukoll mit-tmexxija Talibana biex ikun responsabbli għall-operazzjonijiet militari f'Angora, fil-provinċja ta' Nuristan fl-Afganistan.

F'Marzu 2010, Dost Mohammad kien shadow governor tat-Taliban tal-Provinċja ta' Nuristan u l-mexxej ta' madrassa li minnha rrekluta ġellieda.

(33) **Mohammad Azam Elmi** (magħruf ukoll bħala Muhammad Azami).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Minjieri u l-Industriji taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Sayd Karam, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Allegatament miet fl-2005. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665205

▼M19

(34) **Faiz.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, Ministeru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1969. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493746

(35) **Rustum Hanafi Habibullah** (magħruf ukoll bħala (a) Rostam Nuristani, (b) Hanafi Sahib).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Viċi Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid**: Dara Kolum, Distrett ta' Do Aab, Provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċja ta' Nuristan, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Jappartjeni għat-tribù Nuristani. Allegatament miet fil-bidu tal-2012. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427427

(36) **Gul Ahmad Hakimi.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Attaché Kummerċjali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1964. **Post tat-twelid:** (a) Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, (b) Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665175

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Gul Ahmad Hakimi kien ukoll id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Edukazzjoni Sekondarja tal-Ministeru għall-Edukazzjoni f'Kabul tar-reġim Taliban qabel ma ntbagħat f'Karachi fl-1996.

(37) **Abdullah Hamad Mohammad Karim** (magħruf ukoll bħala al-Hammad).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1972. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Darweshan, Żona ta' Hazar Juft, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000857 (maħruġ fl-20.11.1997). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 300786 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għall-grupp etniku ta' Baloch. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446048

(38) **Hamdullah Allah Noor.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Attaché tar-Ripatrijazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1973. **Post tat-twelid:** Distrett Numru 6, il-Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 4414 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għall-grupp etniku ta' Baloch. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Titlu addizzjonali: Hafiz. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665093

(39) **Din Mohammad Hanif** (magħruf ukoll bħala (a) Qari Din Mohammad (b) Iadena Mohammad)

Titlu: Qari. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Ministru għall-Ippjanar taħt ir-reġim Taliban, (b) Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1955. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Shakarlab, Distrett ta' Yaftali Pain, Provinċja ta' Badakhshan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Numru tal-passaport:** OA 454044 (bħala Iadena Mohammad). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493613

(40) **Abdul Jalil Haqqani Wali Mohammad** (magħruf ukoll bħala: (a) Abdul Jalil Akhund (b) Akhter Mohmad (c) Haji Gulab Gul (d) Abdul Jalil Haqqani (e) Nazar Jan)

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid**: (a) Ir-raħal ta' Khwaja Malik, Distrett ta' Arghandaab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Nru tal-passaport:** (a) Afgan nru OR1961825, maħruġ fl-4 ta' Frar 2003 (skada fit-2 ta' Frar 2006, taħt l-isem ta' Akhter Mohmad), (b) Afgan nru TR024417, maħruġ fl-20 ta' Diċembru 2003 (skada fid-29 ta' Diċembru 2006 taħt l-isem ta' Haji Gulab Gul)**. Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Mejju 2007. Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill tat-Taliban. Responsabbli għal-loġistika għat-Taliban u attiv ukoll bħala negozjant fil-kapaċità personali tiegħu f'nofs l-2013. Jappartjeni għat-tribù Alizai. Ħu Atiqullah Wali Mohammad. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fil-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427402

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Jalil Haqqani Wali Mohammad kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Mejju 2007 u membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill tat-Taliban.

(41) **Ezatullah Haqqani Khan Sayyid** (magħruf ukoll bħala Ezatullah Haqqani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Ippjanar taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1957. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tax-Shura Talibana f'Peshawar fl-2008. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie

▼M19

konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678668

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ezatullah Haqqani kien oriġinarjament elenkat bħala Maulavi Ezatullah fit-23 ta' Frar 2001. Iż-żieda ta' "Haqqani" saret fis-27 ta' Settembru 2007. Fl-2009, Ezatullah Haqqani kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban.

(42) **Jalaluddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala: (a) Jalaluddin Haqani, (b) Jallalouddin Haqqani, (c) Jallalouddine Haqani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Ministru għall-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: (a) Bejn wieħed u ieħor fl-1942, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1948. **Post tat-twelid**: (a) żona ta' Garda Saray, Distrett ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani (mejjet). Ħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani. Huwa mexxej Taliban attiv. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. President tax-Shura Talibana f'Miram Shah fl-2008. Jappartjeni għat-tribù ta' Zadran. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427400

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Jalaluddin Haqqani għandu relazzjonijiet mill-qrib ma' Mohammed Omar u kellu relazzjonijiet mill-qrib ma' Usama bin Laden (mejjet). Huwa missier Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani (mejjet), u ħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani. Huwa mexxej Taliban attiv. Jalaluddin Haqqani kien ukoll il-medjatur bejn l-Al-Qaida u t-Taliban fl-2007. Huwa kien il-President tal-'Kunsill Miram Shah' tat-Taliban f'Ġunju 2008.

Oriġinarjament kien kmandant għall-Partit Iżlamiku Mwalawi Hezbi fil-provinċji ta' Khost, Paktika u Paktia. Aktar tard ingħaqad mat-Taliban u nħatar Ministru għall-Affarijiet tal-Fruntieri. Wara l-waqgħa tar-reġim Taliban, flimkien ma' elementi tat-Taliban u tal-Al-Qaida, ħarab lejn it-Tramuntana tal-Waziristan u reġa' beda jgħaqqad il-milizzji tiegħu għall-ġlieda kontra l-Gvern tal-Afganistan.

Haqqani ġie akkużat b'involviment fl-ibbumbardjar tal-Ambaxxata Indjana f'Kabul fl-2008 u bl-attentat ta' qtil tal-President Karzai waqt parata militari f'Kabul li saret qabel fl-istess sena. Haqqani kien implikat ukoll f'attakk fuq bini ministerjali f'Kabul fi Frar 2009.

Jalaluddin Haqqani huwa l-fundatur tan-Netwerk ta' Haqqani.

(43) **Khalil Ahmed Haqqani** (magħruf ukoll bħala(a) Khalil Al-Rahman Haqqani, (b) Khalil ur Rahman Haqqani, (c) Khaleel Haqqani).

Titlu: Haji. **Indirizz:** (a) Peshawar, il-Pakistan, (b) Qrib Dergey Manday Madrasa fir-Raħal ta' Dergey Manday, qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan, (c) Raħal ta' Kayla qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan, (d) Raħal ta' Sarana Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Data tat-twelid:** (a) 1.1.1966, (b) bejn l-1958 u l-1964. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Sarana, żona ta' Garda Saray, Distrett ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 9.2.2011.

▼M19

Informazzjoni oħra: Membru għoli tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana ta' Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Qabel kien ivvjaġġa lejn, u ġabar fondi f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Ħu Jalaluddin Haqqani u z-ziju ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1929286

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Khalil Ahmed Haqqani huwa membru għoli tan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani, li jinsab fuq quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, twaqqaf minn ħu Khalil Haqqani, Jalaluddin Haqqani, li ngħaqad mar-reġim Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90.

Khalil Haqqani jieħu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi f'isem it-Taliban u n-Netwerk ta' Haqqani, u ta' spiss jivvjaġġa barra mill-pajjiż biex jiltaqa' ma' persuni li jagħtu appoġġ finanzjarju. F'Settembru 2009, Khalil Haqqani kien ivvjaġġa lejn l-istati tal-Golf u ġabar fondi minn sorsi hemmhekk, kif ukoll minn sorsi fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Asja.

Khalil Haqqani jipprovdi wkoll appoġġ lit-Taliban u lin-Netwerk ta' Haqqani li joperaw fl-Afganistan. Fil-bidu tal-2010, Khalil Haqqani pprovda fondi lil ċelloli tat-Taliban fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Fl-2009, Khalil Haqqani pprovda u kkontrolla madwar 160 kumbattenti fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, u kien wieħed minn diversi persuni responsabbli għad-detenzjoni ta' priġunieri għedewwa maqbuda mit-Taliban u min-Netwerk ta' Haqqani. Khalil Haqqani ħa ordnijiet għal operazzjonijiet tat-Taliban minn Sirajuddin Haqqani, in-neputi tiegħu.

Khalil Haqqani aġixxa wkoll f'isem Al-Qaida u kellu konnessjoni mal-operazzjonijiet militari tagħha. Fl-2002, Khalil Haqqani skjera persunal biex issaħħu elementi ta' Al-Qaida fil-Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. Khalil Ahmed Haqqani huwa wkoll ħu Mohammad Ibrahim Omari u z-ziju ta' Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani (mejjet).

(44) **Mohammad Moslim Haqqani Muhammadi Gul** (magħruf ukoll bħala Moslim Haqqani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Viċi Ministru għall-Ħaj u tal-Affarijiet Reliġjużi taħt ir-reġim Taliban, (b) Viċi Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Gawargan, Distrett ta' Pul-e-Khumri, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 1136 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Pashtun Etniku mill-Provinċja ta' Baghlan. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jitkellem b'mod fluwenti l-Ingliż, l-Urdu u l-Għarbi. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL ul-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427425

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Moslim Haqqani kien ukoll Viċi Ministru għall-Edukazzjoni Għolja tar-reġim Taliban. Din id-dežinjazzjoni żdiedet mal-lista tan-NU fit-18 ta' Lulju 2007.

▼M19

(45) **Mohammad Salim Haqqani.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1966 u l-1967 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid:** Distrett ta' Alingar, Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Viċi Kmandant ta' Ezatullah Haqqani Khan Sayyid f'Marzu 2010. Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban ta' Peshawar f'Ġunju 2010. Jappartjeni għall-grupp etniku ta' Pashai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL ul-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1494034

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fl-2006, Mohammad Salim Haqqani kien membru ta' kunsill tat-Taliban li ppjana attakki kontra l-forzi tal-gvern Afgan fil-Provinċja ta' Laghman, l-Afganistan. Huwa kien kmandant tat-Taliban għall-provinċja lejn tmiem l-2004. Huwa kien Viċi Kmandant ta' Ezatullah Haqqani Khan Sayyid f'Marzu 2010 u membru ta' Kunsill reġjonali tal-Kunsill Militari tat-Taliban f'Ġunju 2010.

(46) **Nasiruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala: (a) Dr. Alim Ghair, (b) Naseer Haqqani, (c) Dr. Naseer Haqqani, (d) Nassir Haqqani, (e) Nashir Haqqani).

Raġunijiet għall-elenkar: Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. **Data tat-twelid**: Bejn l-1970 u l-1973 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid**: Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Indirizz**: Pakistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 20.7.2010.

Informazzjoni oħra: Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani (TAe.012), li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Iben Jalaluddin Haqqani. Ivvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor il-fondi għat-Taliban. Allegatament miet fl-2013. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1621257

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

In-Netwerk ta' Haqqani huwa grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Qiegħed fuq quddiem fl-attività ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal ħafna attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mill-ikbar tliet ulied subien ta' Jalaluddin Haqqani, li wieħed minnhom huwa Nasiruddin Haqqani. Nasiruddin Haqqani jaħdem bħala emissarju għan-Netwerk ta' Haqqani u jqatta' ħafna mill-ħin tiegħu jiġbor il-flus. Fl-2004, Haqqani vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija ma' assoċjat tat-Taliban biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa pprovda wkoll fondi fl-2004 lil militanti fl-Afganistan sabiex jiġu mxekkla l-elezzjonijiet presidenzjali Afgani. Mill-inqas mill-2005 sal-2008, Nasiruddin Haqqani ġabar fondi għan-Netwerk ta' Haqqani permezz ta' diversi vjaġġi għall-ġbir ta' fondi, inkluż matul vjaġġi regolari lejn l-Emirati Għarab Magħquda fl-2007 u permezz ta' vjaġġ għall-ġbir ta' fondi lejn stat ieħor tal-Golf fl-2008.

F'nofs l-2007, huwa maħsub li Haqqani kellu tliet sorsi ewlenin ta' finanzjament: donazzjonijiet mir-reġjun tal-Golf, traffikar ta' drogi, u ħlasijiet mill-Al-Qaida. Lejn tmiem l-2009, Nasiruddin Haqqani rċieva mijiet ta' eluf ta' dollari minn individwi assoċjati mal-Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija

▼M19

sabiex dawn jintużaw għal attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani. Ħutu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u Badruddin Haqqani (mejjet), u z-zijiet tiegħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani huma elenkati wkoll.

(47) **Sayyed Mohammed Haqqani** (magħruf ukoll bħala Sayyed Mohammad Haqqani).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Chaharbagh, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Gradwat tal-madrassa ta' Haqqanija f'Akora Khattak, il-Pakistan. Maħsub li kellu relazzjonijiet mill-qrib mal-Mexxej tat-Taliban Mullah Mohammed Omar. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010. Jappartjeni għat-tribù ta' Barakzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Allegatament miet f'Jannar 2016. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493918

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Sayyed Mohammed Haqqani huwa alleat ma' Gulbbudin Hekmatyar u ilu bosta snin jappoġġa lil Mullah Mohammad Omar. Bħala Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim Taliban, huwa ddistribwixxa karti tal-identità Afgani lil barranin marbuta ma' Al-Qaida li ġġieldu fl-Afganistan u ġabar ammont sinifikanti ta' fondi minn għandhom.

Sayyed Mohammed Haqqani ltaqa' diversi drabi ma' Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri u Farhad, is-segretarju ta' Mohammed Omar, fl-2003 u l-2004. Huwa fetaħ ħanut tal-kotba fil-bazaar ta' Qissa Khwani, f'Peshawar, il-Pakistan, li kien implikat fil-finanzjament tat-Taliban. F'Marzu 2009, hu kien għadu mexxej attiv tar-ribelli Talibani. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2010.

(48) **Sirajuddin Jallaloudine Haqqani** (magħruf ukoll bħala (a) Siraj Haqqani, (b) Serajuddin Haqani, (c) Siraj Haqani, (d) Saraj Haqani, (e) Khalifa).

Raġunijiet għall-elenkar: Na'ib Amir (Viċi Kmandant). **Indirizz:** (a) Inħawi ta' Kela/inħawi ta' Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan; (b) Manba'ul uloom Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, (c) Dergey Manday Madrasa, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn l-1977 u l-1978 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid:** (a) Danda, Miramshah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan, (b) Raħal ta' Srana, Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, (c) Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan, (d) Provinċja ta' Khost, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 13.9.2007.

Informazzjoni oħra: Kap tan-Netwerk ta' Haqqani fi tmiem l-2012. Iben Jalaluddin Haqqani. Jappartjeni għat-taqsima tas-Sultan Khel, it-tribù Zardan ta' Garda Saray tal-provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1491193

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Sirajuddin Jallaloudine Haqqani huwa wieħed mill-mexxejja l-aktar prominenti, influwenti, karismatiċi u b'esperjenza fin-netwerk ta' Haqqani, grupp ta' ġellieda b'assoċjazzjoni mill-qrib kemm mat-Taliban kif ukoll ma'

▼M19

Al-Qaida, u kien wieħed mill-kmandanti prinċipali tal-operazzjonijiet tan-netwerk mill-2004. Wara l-waqgħa tat-Taliban fl-2001, Sirajuddin Haqqani ħa l-kontroll tan-Netwerk ta' Haqqani u minn dak iż-żmien 'l hawn mexxa l-grupp biex ikun minn ta' quddiem nett f'attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan.

Ħafna mis-setgħa u l-awtorità ta' Sirajuddin Haqqani ġejja minn missieru, Jalaluddin Haqqani, eks-Ministru tar-reġim Taliban, li kien kmandant militari tat-Taliban u intermedjarju għal Al-Qaida u t-Taliban fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Matul il-kariga tiegħu bħala Ministru tar-reġim Taliban, Jalaluddin Haqqani stabbilixxa rabtiet ferm mill-qrib ma' Al-Qaida.

Sirajuddin Haqqani għandu assoċjazzjonijiet qawwija mat-Taliban, li jipprovdulu finanzjament għall-operazzjonijiet tiegħu. Huwa jirċievi wkoll finanzjament minn diversi gruppi u individwi oħra, inklużi barunijiet tad-droga. Huwa intermedjarju ċentrali għall-operazzjonijiet terroristiċi fl-Afganistan u attivitajiet ta' appoġġ fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Ir-rabtiet tiegħu mat-Taliban saru pubbliċi f'Mejju 2006 minn Mullah Dadullah, f'dak iż-żmien wieħed mill-ogħla kmandanti militari tat-Taliban, li ddikjara li ħadem ma' Sirajuddin Haqqani u ppjana operazzjonijiet miegħu. Huwa għandu wkoll rabtiet ma' Jaish-i-Mohammed.

Sirajuddin Haqqani huwa attivament involut fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attakki mmirati kontra l-Forzi Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF), uffiċjali u pajżana Afgani, prinċipalment fir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afganistan. Huwa jirrekluta wkoll u jibgħat regolarment ġellieda fil-Provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-Afganistan.

Sirajuddin Haqqani kien involut fl-attakk suwiċida bil-bombi kontra xarabank tal-Akkademja tal-Pulizija f'Kabul fit-18 ta' Ġunju 2007 fejn inqatlu 35 uffiċjal tal-pulizija. Ħutu Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani (mejjet), u z-zijiet tiegħu Mohammad Ibrahim Omari u Khalil Ahmed Haqqani huma elenkati wkoll.

(49) **Abdul Hai Hazem Abdul Qader** (magħruf ukoll bħala Abdul Hai Hazem).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** L-Ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Quetta, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Pashawal Yargatoo, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 0001203 (passaport Afgan). **Indirizz:** (a) Raħal ta' Iltifat, Distrett ta' Shakardara, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, (b) Żona ta' Puli Charkhi, Distrett Numru 9, Belt ta' Kabul, Provinċja ta' Kabul. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446037

(50) **Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Abu Turab).

Raġunijiet għall-elenkar: Viċi Ministru għall-Avjazzjoni Ċivili u t-Turiżmu taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 8.3.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1529230

(51) **Abdul Rahman Ahmad Hottak** (magħruf ukoll bħala Hottak Sahib).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: (a) Viċi Ministru (Kulturali) tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap tad-Dipartiment Konsulari tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin taħt

▼M19

ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1957. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Hotak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1494052

(52) **Najibullah Haqqani Hidayatullah** (magħruf ukoll bħala Najibullah Haqani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Viċi Ministru għall-Finanzi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: 1971. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Moni, Distrett ta' Shigal, Provinċja ta' Kunar. **Ċittadinanza**: Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Numru tal-karta tal-identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira) 545167, maħruġa fl-1974. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Kuġin ta' Moulavi Noor Jalal. Nannuh jismu Salam. Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Laghman lejn tmiem l-2010. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493752

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Najibullah Haqqani Hydayatullah kien ukoll Viċi Ministru għall-Finanzi tar-reġim Taliban. Din id-dežinjazzjoni żdiedet mal-Lista fit-18 ta' Lulju 2007. Fis-27 ta' Settembru 2007, l-elenkar ta' dan l-isem ġie aġġornat biex tneħħiet id-dežinjazzjoni oriġinali ta' "Viċi Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim Taliban".

Najibullah Haqqani Hydayatullah kien membru tal-Kunsill tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kunar, fl-Afganistan, f'Mejju 2007. Huwa kuġin ta' Noor Jalal. F'Ġunju 2008, it-tmexxija tat-Taliban ħatritu bħala l-persuna responsabbli għall-attività militari fil-Provinċja ta' Kunar

Najibullah Haqqani Hidayatullah kien membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Laghman lejn tmiem l-2010.

(53) **Gul Agha Ishakzai** (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Gul Agha, (b) Mullah Gul Agha Akhund, (c) Hidayatullah, (d) Haji Hidayatullah, (e) Hayadatullah).

Indirizz: Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1972. **Post tat-twelid:** Band-e-Temur, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 20.7.2010.

Informazzjoni oħra: Membru ta' Kunsill tat-Taliban li jikkoordina l-ġabra taz-zakat (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. Kap tal-Kummissjoni Finanzjarja tat-Taliban f'nofs l-2013. Assoċjat ma' Mullah Mohammed Omar. Kien l-uffiċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu. Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1621285

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Gul Agha Ishakzai huwa l-kap tal-kummissjoni finanzjarja tat-Taliban u jagħmel parti minn kunsill tat-Taliban maħluq reċentement li jikkoordina l-ġbir taz-zakat (taxxa Iżlamika) mill-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. Huwa ġabar ukoll flus għal attakki suwiċidali f'Kandahar, l-Afganistan, u kien involut fil-ħruġ ta' fondi għall-ġellieda Talibani u l-familji tagħhom.

▼M19

Gul Agha Ishakzai, ħabib tat-tfulija tal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammed Omar, kien l-uffiċjal finanzjarju prinċipali ta' Omar u wieħed mill-konsulenti l-aktar qrib tiegħu. Kien ħemm żmien meta ħadd ma kellu l-permess jiltaqa' ma' Mullah Omar mingħajr l-approvazzjoni tiegħu. Huwa għex fil-palazz presidenzjali ma' Omar matul ir-reġim Taliban.

F'Diċembru 2005, Gul Agha Ishakzai ffaċilita l-moviment ta' persuni u oġġetti lejn il-kampijiet ta' taħriġ Talibani; lejn tmiem l-2006 huwa vvjaġġa barra mill-pajjiż biex jikseb partijiet ta' armi.

(54) **Qudratullah Jamal** (magħruf ukoll bħala Haji Sahib).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Informazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Gardez, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban fl-2010. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427404

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

F'April 2009, it-tmexxija tat-Taliban ħabbret li Qudratullah Jamal kien ġie nkarigat bħala l-Uffiċjal ta' Kollegament tagħha għas-sostenituri u l-ħbieb tagħha fid-dinja kollha. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban fl-2010.

(55) **Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad** (magħruf ukoll bħala Saleh Mohammad)

Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1962. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Nalghan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Indirizz**: Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 4.11.2010.

Informazzjoni oħra: Mexxa netwerk ta' kuntrabandu organizzat fil-provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan. Qabel opera laboratorji ta' pproċessar ta' eroina f'Band-e Temor, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Mirwais Mena, Distrett ta' Dand fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Ġie rilaxxat mill-kustodja fl-Afganistan fi Frar 2014. Marbut biż-żwieġ ma' Mullah Ubaidullah Akhund Yar Mohammad Akhund. Jappartjeni għat-tribù Kakar. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal–INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4652885

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammadhuwa traffikant tan-narkotiċi li mexxa netwerk organizzat ta' kuntrabandu fil-Provinċji ta' Kandahar u Helmand, l-Afganistan, li kien jissodisfa l-bżonnijiet loġistiċi u finanzjarji tat-Taliban. Qabel ma ġie arrestat mill-awtoritajiet Afgani, Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad ħaddem laboratorji tal-ipproċessar tal-eroina fiż-żona ta' Band-e-Timur tal-Provinċja ta' Kandahar li kienu protetti mit-Taliban.

Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad kien f'kuntatt ma' mexxejja Talibani għoljin, ġabar flus kontanti f'isimhom minn traffikanti tan-narkotiċi u amministra u ħeba flus li kienu jappartjenu lil mexxejja Talibani għoljin. Kien ukoll responsabbli biex jiffaċilita l-ħlasijiet tat-taxxa lit-Taliban f'isem it-traffikanti tan-narkotiċi. Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammadkien propjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Kandahar u pprovda lit-Taliban b'vetturi biex jintużaw f'attakki suwiċidali.

▼M19

(56) **Rahmatullah Kakazada** (magħruf ukoll bħala (a) Rehmatullah, (b) Kakazada, (c) Mullah Nasir).

Titlu: (a) Maulavi, **(b)** Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000952 (passaport Afgan maħruġ fis-7.1.1999). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. f'Mejju 2007. Kap ta' netwerk tal-intelligence. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Suleimankheil. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ġie konkluż fid-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/144605

(57) **Abdul Rauf Khadem** (magħruf ukoll bħala Mullah Abdul Rauf Aliza).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kmandant tal-Korp Ċentrali taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn l-1958 u l-1963, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1970. **Post tat-twelid: (**a) Raħal ta' Azan, Distrett ta' Kajaki, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tax-Shura Talibana fi Quetta fl-2009. Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Badghis, l-Afganistan, fl-2011. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665146

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Il-Korp Ċentrali ġie taħt il-Ministeru għad-Difiża tar-reġim Taliban.

Abdul Rauf Khadem kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Logar fl-2009. Abdul Rauf Khadem kien il-kmandant militari ġenerali ta' diversi provinċji fl-Afganistan. Abdul Rauf Khadem kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban f'Ġunju 2009. Kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, fl-2011.

(58) **Khairullah Khairkhwah** (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Khairullah Khairkhwah, (b) Khirullah Said Wali Khairkhwa).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar: (**a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Herat (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Kelliem għar-reġim Taliban, (c) Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban, (d) Ministru għall-Affarijiet Interni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Poti, Distrett ta' Arghistan, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Il-Qatar. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427436

(59) **Abdul Razaq Akhund Lala Akhund.**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Ministru għall-Affarijiet Interni taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap tal-pulizija ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, fiż-żona tal-fruntiera mad-Distrett ta' Chaman, Quetta, il-Pakistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2008. Viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010. Membru tal-Kummissjoni Superviżorja tat-Taliban f'nofs l-2013. Involut fit-traffikar tad-drogi. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Achekzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427412

(60) **Jan Mohammad Madani Ikram.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Chargé d'Affaires, Ambaxxata Talibana, Abu Dhabi, l-Emirati Għarab Magħquda. **Data tat-twelid**: Bejn l-1954 u l-1955. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Alizai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5039466

(61) **Zia-ur-Rahman Madani** (magħruf ukoll bħala (a) Ziaurrahman Madani (b) Zaia u Rahman Madani (c) Madani Saheb (d) Diya' al-Rahman Madani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Logar (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1960. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Paliran, Distrett ta' Namakab, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan, (b) Belt ta' Taluqan, Provinċjat ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Involut fit-traffikar tad-drogi. Membru tat-Taliban responsabbli għall-affarijiet militari fil-provinċja ta' Takhar, l-Afganistan, f'Mejju 2007. Iffaċilita l-ġbir ta' fondi fil-Golf f'isem it-Taliban mill-2003. Iffaċilita wkoll laqgħat bejn uffiċjali tat-Taliban u sostenituri għonja u għamel arranġamenti biex aktar minn tnax-il individwu jivvjaġġa lejn Kabul, l-Afganistan, għal attakki suwiċidali. Maħsub li jinsab fir-reġjun tal-Golf. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1494026

(62) **Abdul Latif Mansur** (magħruf ukoll bħala (a) Abdul Latif Mansoor, (b) Wali Mohammad).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Shadow Governor tat-Taliban għall-Provinċja ta' Logar lejn tmiem l-2012. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Sahak (Ghilzai).

Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427385

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Latif Mansur kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u Kap tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill fl-2009. Huwa kien ix-shadow governor tat-Taliban tal-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, fl-2009 u

▼M19

l-Kap tal-kummissjoni politika tat-Taliban f'nofs l-2009. F'Mejju 2010, Abdul Latif Mansur kien kmandant anzjan tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan.

(63) **Mohammadullah Mati** (magħruf ukoll bħala Mawlawi Nanai).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1961. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Tilef sieq waħda fis-snin 1980. Mexxej interim tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Frar sa April 2010. Responsabbli għall-attivitajiet ta' reklutaġġ f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Isakzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665126

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammadullah Mati kien ukoll Ministru għall-Komunikazzjoni tar-reġim Taliban taħt l-isem "Ahmadullah Mutie". Kien il-mexxej interim tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Frar sa April 2010.

(64) **Matiullah.**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Direttur tad-Dwana ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Daman, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ħadem fir-reklutaġġ għall-moviment Taliban f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427413

(65) **Abdul Quddus Mazhari** (magħruf ukoll bħala Akhtar Mohammad Mazhari).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Attaché tal-Edukazzjoni, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kunduz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Kushal Khan Mena, Distrett Nru 5, Kabul, l-Afganistan. **Nru tal-Passaport:** SE 012820 (passaport Afgan maħruġ fl-4.11.2000). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446044

(66) **Fazl Mohammad Mazloom** (magħruf ukoll bħala (a) Molah Fazl, (b) Fazel Mohammad Mazloom)

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Kap tal-Persunal tal-Armata tar-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1963 u l-1968. **Post tat-twelid:** Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Il-Qatar. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4707186

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fazl Mohammed Mazloom kien assoċjat qrib ta' Mohammed Omar u għenu jistabbilixxi l-Gvern tat-Taliban. Mazloom kien fil-kamp ta' taħrig ta' Al-Farouq stabbilit minn Al-Qaida. Huwa kellu għarfien li t-Taliban ipprovda għajnuna lill-Moviment Iżlamiku tal-Użbekistan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju, armi u appoġġ loġistiku bi skambju għall-forniment ta' suldati lit-Taliban.

Huwa kien kmandant ta' madwar 3 000 suldat Taliban front-line fil-provinċja ta' Takhar, f'Ottubru 2001.

(67) **Nazir Mohammad Abdul Basir** (magħruf ukoll bħala Nazar Mohammad).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar: (a)** Sindku tal-Belt ta' Kunduz **(b)** Aġent Gvernatur tal-Provinċja ta' Kunduz (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** 1954. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Malaghi, Distrett ta' Kunduz, Provinċja ta' Kunduz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Titlu alternattiv: Sar Muallim. Irrikonċilja wara l-waqgħa tar-reġim Taliban, u ngħata kariga taħt il-Gvern il-ġdid fil-livell distrettwali fil-Provinċja ta' Kunduz. Ikkonfermat bħala li ġie assassinat mit-Taliban fid-9 ta' Novembru 2008. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665167

(68) **Mohammad Shafiq Mohammadi.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Khost (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Gvernatur Ġenerali tal-Provinċji ta' Paktia, Paktika, Khost u Ghazni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1948. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Superviżur ta' żewġ ċentri ta' taħriġ militari tat-Taliban f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Hotak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427517

(69) **Abdul Kabir Mohammad Jan** (magħruf ukoll bħala A. Kabir).

Titlu: Maulavi**. Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: (a) It-Tieni Viċi, Affarijiet Ekonomiċi, il-Kunsill tal-Ministri taħt ir-reġim Taliban, (b) Gvernatur tal-Provinċja ta' Nangarhar taħt ir-reġim Taliban, (c) Kap taż-Żona tal-Lvant taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Pul-e-Khumri jew Baghlan Jadid, Provinċja ta' Baghlan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Attiv f'operazzjonijiet terroristiċi fil-Lvant tal-Afganistan. Jiġbor flus minn traffikanti tad-droga. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'2009. Familja oriġinarjament mid-Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan.

Responsabbli għall-attakk fuq membri parlamentari Afgani f'Novembru 2007 f'Baghlan; sid ta' art fiċ-ċentru tal-Provinċja ta' Baghlan. Jappartjeni għat-tribù ta' Zadran. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1493564

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Kabir Mohammad Jan kien membru tal-kunsill għoli tat-tmexxija Taliban kif imħabbar minn Mohammed Omar f'Ottubru 2006, u kien maħtur kmandant militari fiż-żona tal-Lvant f'Ottubru 2007. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Jiġbor flus minn traffikanti tad-droga f'isem it-Taliban.

(70) **Mohammad Rasul Ayyub** (magħruf ukoll bħala Gurg).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Nimroz (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1958 u l-1963. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Robat, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tax-Shura Talibana fi Quetta. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4662451

(71) **Mohammad Wali Mohammad Ewaz** (magħruf ukoll bħala Mohammad Wali).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Ministeru għall-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Jelawur, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Siyachoy, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Allegatament miet f'Diċembru 2006 u ndifen fid-Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Appartjena għat-tribù Ghilzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427424

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fil-pożizzjoni tiegħu fil-Ministeru għall-Prevenzjoni tal-Vizzji u l-Propagazzjoni tal-Virtù taħt ir-reġim Taliban, Mohammad Wali ta' spiss uża t-tortura u mezzi oħra għall-intimidazzjoni tal-popolazzjoni. Mohammad Wali Mohammad Ewaz għadu attiv fil-qasam Taliban fil-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, wara l-waqgħa tar-reġim Taliban.

(72) **Mohammad Yaqoub.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kap tal-Aġenzija tal-Informazzjoni Bakhtar (BIA) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1966. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Shahjoi, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Janda, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban. Jidderieġi "front" tat-Taliban u kien qed jikkoordina l-attivitajiet militari kollha tal-forzi tat-Taliban fid-Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Kharoti (Taraki). Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5741615

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fl-2009, Mohammad Yaqoub kien membru prinċipali Taliban fid-distrett ta' Yousef Khel fil-provinċja ta' Paktika. Kien membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban.

(73) **Amir Khan Motaqi** (magħruf ukoll bħala Amir Khan Muttaqi).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Ministru għall-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban, (b) Rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-NU taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Shin Kalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2007. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Sulaimankhel. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427382

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Amir Khan Motaqi kien ukoll rappreżentant tat-Taliban f'taħditiet immexxija min-Nazzjonijiet Uniti matul ir-reġim Taliban.

Amir Khan Motaqi huwa kkunsidrat bħala membru prominenti tat-Taliban u kien ukoll Ministru għall-Informazzjoni u l-Kultura matul ir-reġim Taliban. Amir Khan Motaqi kien membru ta' Kunsill reġjonali tat-Taliban f'Ġunju 2007. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'Ġunju 2007.

(74) **Abdulhai Motmaen** (magħruf ukoll bħala Abdul Haq iben M. Anwar Khan).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: (a) Direttur tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Kultura fil-Provinċja ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban, (b) Kelliem għar-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1973. **Post tat-twelid**: (a) Raħal ta' Shinkalai, Distrett ta' Nad-e-Ali, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. Numru tal-passaport Afgan OA462456 (maħruġ taħt l-isem ta' Abdul Haq) maħruġ fil-31.1.2012 (11-11-1390). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Il-familja hija oriġinarjament minn Zabul, iżda aktar tard stabbilixxiet ruħha f'Helmand. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u kelliem għal Mullah Mohammed Omar fl-2007. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Kharoti. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427418

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdulhai Motmaen kien il-kelliem anzjan għat-Taliban u kien jagħmel stqarrijiet mit-Taliban dwar politika barranija. Kien ukoll assoċjat qrib ta' Mohammed Omar. Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u kelliem għal Mohammed Omar fl-2007.

▼M19

(75) **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (magħruf ukoll bħala (a) Allah Dad Tayyab, (b) Allah Dad Tabeeb).

Titlu: (a) Mullah, (b) Haji. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Komunikazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Popalzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Miet f'Novembru 2015. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427415

(76) **Najibullah Muhammad Juma** (magħruf ukoll bħala Najib Ullah).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** 1958. **Post tat-twelid:** Żona ta' Zere Kohi, Distrett ta' Shindand, Provinċja ta' Farah, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** 000737 (passaport Afgan maħruġ fl-20.10.1996). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Militari tat-Taliban ta' Peshawar fl-2010. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427573

(77) **Mohammad Naim Barich Khudaidad** (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Naeem Barech, (b) Mullah Naeem Baraich, (c) Mullah Naimullah, (d) Mullah Naim Bareh, (e) Mohammad Naim, (f) Mullah Naim Barich, (g) Mullah Naim Barech, (h) Mullah Naim Barech Akhund, (i) Mullah Naeem Baric, (j) Naim Berich, (k) Haji Gul Mohammed Naim Barich, (l) Gul Mohammad, (m) Haji Ghul Mohammad, (n) Gul Mohammad Kamran, (o) Mawlawi Gul Mohammad, (p) Spen Zrae).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Avjazzjoni Ċivili taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1975. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Lakhi, Żona ta' Hazarjuft, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, Afganistan, (b) Raħal ta' Laki, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, Afganistan, (c) Raħal ta' Lakari, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, Afganistan, (d) Darvishan, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, Afganistan, (e) Raħal ta' De Luy Wiyalah, Distrett ta' Garmsir, Provinċja ta' Helmand, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kummissjoni Militari tat-Taliban f'nofs l-2013.

Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Barich. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665674

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Naim Barich kien memru tal-"Kunsill Gerdi Jangal" tat-Taliban f'Ġunju 2008 u membru tal-Kummissjoni Militari tat-Taliban f'Marzu 2010. Kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja

▼M19

ta' Helmand, l-Afganistan, mill-2008. Huwa l-Ex-viċi ta' Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed, persuna prominenti fil-bord tat-tmexxija tat-Taliban. Mohammad Naim Barich jikkontrolla bażi militari fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Mohammad Naim Barich ipprovda fondi permezz ta' Rahat Ltd. biex kmandanti subordinati jippjanaw u jmexxu operazzjonijiet ta' ribelli fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

(78) **Nik Mohammad Dost Mohammad** (magħruf ukoll bħala Nik Mohammad).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1957. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zangi Abad, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Imexxi kummissjoni għar-reġistrazzjoni tal-għedewwa tat-Taliban f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5039745

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Nik Mohammad ġie inkluż fil-lista fil-31 ta' Jannar 2001 bħala Viċi Ministru għall-Kummerċ taħt ir-reġim Taliban, b'hekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani.

(79) **Hamdullah Nomani.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt ir-reġim Taliban; (b) Sindku tal-Belt Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Sipayaw, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427408

(80) **Mohammad Aleem Noorani.**

Titlu: Mufti. **Raġunijiet għall-elenkar:** L-ewwel Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665686

(81) **Nurullah Nuri** (magħruf ukoll bħala Norullah Noori).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balkh (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban, (b) Kap taż-Żona tat-Tramuntana taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u ieħor l-1958, (b) l- 1 ta' Jannar 1967. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Shahjoe, Provinċja ta' Zabul, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Il-Qatar. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Tokhi. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427439

(82) **Abdul Manan Nyazi** (magħruf ukoll bħala (a) Abdul Manan Nayazi, (b) Abdul Manan Niazi, (c) Baryaly, (d) Baryalai)

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban, (b) Gvernatur tal-Provinċja ta' Balk taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Pashtoon Zarghoon, Provinċja ta' Herat, Afganistan, (b) Raħal ta' Sardar, Distrett ta' Kohsan, Provinċja ta' Herat, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Herat, Farah u Nimroz f'nofs l-2013. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u tax-Shura Quetta. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Achekzai. Involut fit-trasport ta' qattiela suwiċidi lejn l-Afganistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427440

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Manan Nyazi kien ukoll kelliem tat-Taliban u mbagħad Gvernatur Provinċjali ta' Mazar-e-Sharif u l-provinċji ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban.

Abdul Manan Nyazi kien kmandant anzjan tat-Taliban fil-Punent tal-Afganistan, li kien jopera fil-provinċji ta' Farah, Herat u Nimroz, min-nofs l-2009.

Abdul Manan Nyazi kien membru ta' kunsill reġjonali tat-Taliban u maħtur bħala l-gvernatur tat-Taliban tal-provinċja ta' Herat f'Mejju 2010.

Abdul Manan Nyazi huwa kmandant tat-Taliban involut fit-trasport ta' qattiela suwiċidi lejn l-Afganistan.

(83) **Mohammed Omar Ghulam Nabi**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Mexxej tal-Fidili ('Amir ul-Mumineen'), Afganistan. **Data tat-twelid:** (a) bejn wieħed u ieħor fl-1966, (b) fl-1960, (c) fl-1953. **Post tat-twelid:** (a) Raħal ta' Naw Deh, Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (b) Raħal ta' Noori, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Isem missieru huwa Ghulam Nabi, magħruf ukoll bħala Mullah Musafir. Għajnejh ix-xellugija nieqsa. Ħaten Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Hotak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Allegatament miet f'April 2013. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427394

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Omar għandu t-titolu ta' 'Kmandant tal-Fidili tal-Emirat Islamiku tal-Afganistan' u huwa l-mexxej suprem tal-moviment Taliban fil-ġerarkija Talibana. Huwa ta kenn lil Usama bin Laden (mejjet) u

▼M19

lin-netwerk tiegħu tal-Al-Qaida fis-snin qabel l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti. Huwa ilu jidderieġi lit-Taliban kontra l-Gvern tal-Afganistan u l-alleati tagħhom fl-Afganistan mill-2001.

Mohammed Omar jikkmanda l-alleanza ta' mexxeja prominenti militari oħra fir-reġjun, bħal Jalaluddin Haqqani. Gulbuddin Hekmatyar ikkoopera wkoll ma' Mohammed Omar u t-Taliban.

(84) **Abdul Jabbar Omari**. (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Jabar, (b) Muawin Jabbar).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Baghlan (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Zabul, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Hottak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427437

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Jabbar Omari, minn Ġunju 2008, ħadem bħala viċi ta' Amir Khan Haqqani u bħala kmandant ta' grupp armat fid-distrett ta' Siuri fil-provinċja ta' Zabul. F'Ġunju 2008, bil-ħsieb li ssaħħaħ l-attività tagħhom fiż-żona, it-tmexxija Talibana ħatritu shadow governor għall-provinċja ta' Zabul.

(85) **Mohammad Ibrahim Omari**. (magħruf ukoll bħala Ibrahim Haqqani).

Titlu: Alhaj. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Affarijiet tal-Fruntieri taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** Garda Saray, Provinċja ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ħu Jalaluddin Haqqani. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1428541

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Ibrahim Omari ġie inkluż fil-lista fit-23 ta' Frar 2001 bħala Viċi Ministru għall-Affarijiet tal-Fruntiera taħt ir-reġim Taliban, b'ħekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti rigward atti u attivitajiet tal-awtoritajiet Talibani.

Mohammad Ibrahim Omari huwa ħu Jalaluddin Haqqani u Khalil Ahmed Haqqani, u z-ziju ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Nasiruddin Haqqani u Badruddin Haqqani (mejtin).

(86) **Nooruddin Turabi Muhammad Qasim** (magħruf ukoll bħala (a) Noor ud Din Turabi (b) Haji Karim).

Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Ġustizzja taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u ieħor fl-1963, (b) Bejn wieħed u ieħor fl-1955, (c) Bejn wieħed u ieħor fl-1956. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afgsnistan (b) Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, (c) Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Viċi għal Mullah Mohammed Omar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427426

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Nooruddin Turabi Muhammad Qasim kien maħtur bħala kmandant militari Taliban fl-l-Afganistan min-nofs l-2009. Huwa kien maħtur bħala viċi għall-mexxej suprem Taliban Mohammed Omar u pparteċipa fil-laqgħat Talibani tax-shura sa mill-bidu tal-2009.

(87) **Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul** (magħruf ukoll bħala (a) Abdus-salam Hanifi, (b) Hanafi Saheb).

Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Darzab, Provinċja ta' Faryab, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Qush Tepa, Provinċja ta' Jawzjan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Jawzjan fit-Tramuntana tal-Afganistan sal-2008. Involut fit-traffikar tad-drogi. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427380

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

F'Mejju 2007, it-tmexxija Talibana poġġiet lil Abdul Salam Hanafi Ali Mardan Qul responsabbli għall-provinċja ta' Jawzujan. Huwa kien ukoll il-membru Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Jawzujan fit-Tramuntana tal-Afganistan sal-2008. Hu maħsub li jinsab involut fit-traffikar tad-drogi.

(88) **Abdul Ghafar Qurishi Abdul Ghani** (magħruf ukoll bħala Abdul Ghaffar Qureshi).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Attaché tar-Ripatriazzjoni, fl-Ambaxxata tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** (a) 1970, (b) 1967. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Turshut, Distrett ta' Warduj, Provinċja ta' Takhar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. Nru tal-passaport: D 000933 (passaport Afgan maħruġ f'Kabul fit-13 ta' Settembru 1998). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 55130 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Indirizz**: It-Taqsima Khairkhana Numru 3, Kabul, Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Involut fit-traffikar tad-drogi. Jappartjeni għall-grupp etniku Tajik. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5741515

(89) **Yar Mohammad Rahimi.**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Komunikazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1953. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Talugan, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Nurzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fit-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427375

(90) **Mohammad Hasan Rahmani** (magħruf ukoll bħala Gud Mullah Mohammad Hassan).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Kandahar (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Deh Rawud, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan (b) Distrett ta' Chora, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan, (c) Distrett ta' Charchino, Provinċja ta' Uruzgan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001

Informazzjoni oħra: Għandu proteżi minflok saqajh il-leminija. Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'nofs l-2013, u aġixxa bħala l-viċi ta' Mullah Mohammed Omar f'Marzu 2010. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Achekzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Miet fid-9 ta' Frar 2016. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427431

(91) **Habibullah Reshad.**

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni, Ministeru għas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Waghaz, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Viċi Kap (Intelligence) tal-Kunsill Militari ta' Quetta fl-2009. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678333

(92) **Abdulhai Salek.**

Titlu: Maulavi **Raġuni għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Uruzgan taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-twelid:** Villaġġ ta' Awlyatak, Żona ta' Gardan Masjid, Distrett ta' Chaki Wardak, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Allegatament miet fit-Tramuntana tal-Afganistan fl-1999. Kien jappartjeni għat-tribù Wardak. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678489

(93) **Hamdullah Sunani** (magħruf ukoll bħala Sanani).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Kap tad-Dar-ul-Efta (Dipatiment tal-Fatwa) tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1923. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Dai Chopan, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Allegatament miet fl-2001. Kien jappartjeni għat-tribù Kakar. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Il-pożizzjoni ta' Hamdullah Sunani bħala Kap ta' Dar-ul-Efta (Dipartiment tal-Fatwa) ġiet taħt il-Qorti Suprema tar-reġim Taliban

(94) **Noor Mohammad Saqib.**

Raġunijiet għall-elenkar: Prim Imħallef tal-Qorti Suprema taħt ir-reġim Tabilan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1958. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Bagrami, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan, (b) Żona Tarakhel, Distrett ta' Deh Sabz, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban u Kap tal-Kumitat Reliġjuż tat-Taliban. Jappartjeni għat-tribù Ahmadzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427560

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Noor Mohammed Saqib huwa membru tat-tmexxija Talibana u kap tal-Kumitat Reliġjuż tagħha, li jaġixxi bħala fergħa ġudizzjarja tat-Taliban.

(95) **Ehsanullah Sarfida Hesamuddin Akhundzada** (magħruf ukoll bħala (a) Ehsanullah Sarfadi (b) Ehsanullah Sarfida).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn l-1962 u l-1963 (bejn wieħed u ieħor). **Post tat-twelid:** Raħal ta' Khatak, Distrett ta' Gelan, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: F'nofs l-2007, huwa pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus. Maħsub li jinsab fir-reġjun tal-Golf. Jappartjeni għat-tribù Taraki. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427441

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ehsanullah Sarfida kien ukoll President tal-Bank Ċentrali tat-Taliban. Aktar tard, huwa nħatar bħala l-Amministratur Taliban tal-Provinċji Maħtufa. Ehsanullah Sarfida kien membru tax-Shura Interna Talibana.

Ehsanullah Sarfida kien affiljat tal-Al-Qaida li pprovda appoġġ lit-Taliban fil-forma ta' armi u flus. Huwa kien il-kap tad-distrett ta' Marja, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, min-nofs l-2007.

(96) **Saduddin Sayyed** (magħruf ukoll bħala (a) Sadudin Sayed, (b) Sadruddin)

Titlu: (a) Maulavi, (b) Alhaj, (c) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Viċi Ministru għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali taħt ir-reġim Taliban, (b) Sindku tal-Belt ta' Kabul taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Chaman, Pakistan, (b) Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Konsulent tal-Kunsill Suprem tat-Taliban f'nofs l-2013. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Barakzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427433

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Saduddin Sayyed serva wkoll bħala Viċi Ministru għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tar-reġim Taliban. Il-lista tan-NU ġiet aġġornata fit-8 ta' Marzu 2001 biex tirrifletti dan.

(97) **Abdul Wali Seddiqi.**

Titlu: Qari. **Raġunijiet għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali Taliban, Peshawar, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Zilzilay, Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000769 (passaport Afgan maħruġ fit-2.2.1997). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446036

(98) **Abdul Wahed Shafiq.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Gvernatur tal-Provinċja ta' Kabul (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427520

(99) **Said Ahmed Shahidkhel.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Edukazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor fl-1975. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Spandeh (Espandi 'Olya), Distrett ta' Andar, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: F'Lulju 2003 kien inżamm taħt arrest f'Kabul, l-Afganistan. Inħeles mill-ħabs fl-2007. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tal-kunsill tat-tmexxija Talibana f'nofs l-2013. Jappartjeni għat-tribù Andar. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427378

(100) **Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed** (magħruf ukoll bħala (a) Akhtar Mohammad Mansour Khan Muhammad, (b) Akhtar Muhammad Mansoor, (c) Akhtar Mohammad Mansoor, (d) Naib Imam).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Ministru għall-Avjazzjoni Ċivili u t-Trasport taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a)

▼M19

Bejn wieħed u l-ieħor fl-1960, (b) 1966. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Band-e-Timor, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** SE-011697 (numru tal-passaport Afgan maħruġ fil-25 ta' Jannar 1988 f'Kabul, skada fit-23 ta' Frar 2000). **Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Involut fit-traffikar tad-drogi fl-2011, prinċipalment minn Gerd-e-Jangal, l-Afganistan. Attiv fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika, l-Afganistan f'Mejju 2007. "Gvernatur" Taliban ta' Kandahar f'Mejju 2007. Viċi ta' Mullah Abdul Ghani Baradar fil-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Uffiċjal Taliban responsabbli għal erba' provinċji tan-Nofsinhar tal-Afganistan. Wara l-arrest ta' Mullah Baradar fi Frar 2010, kien qed jieħu ħsieb temporanjament il-Kunsill Suprem tat-Taliban. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Allegatament inqatel f'Mejju 2016. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1494260

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed huwa membru prominenti tat-tmexxija Talibana. Huwa kien ripatrijat lejn l-Afganistan f'Settembru 2006 wara detenzjoni fil-Pakistan. Involut fit-traffikar tad-drogi u kien attivi fil-provinċji ta' Khost, Paktia u Paktika fl-Afganistan f'Mejju 2007. Huwa kien ukoll il-"Gvernatur" Taliban ta' Kandahar f'Mejju 2007.

Huwa kien b'mod attiv involut f'attività antigovernattiva, b'mod partikolari, kien jirrekluta individwi mat-Taliban biex jiġġieldu kontra l-Gvern Afgan u l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà.

Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien il-viċi kap tax-shura Talibana suprema min-nofs l-2009. Huwa membru tal-kunsill tat-tmexxija Taliban u kien assenjat ir-rwol ta' Kap tal-Affarijiet Militari tal-"Kunsill Gerdi Jangal" Taliban qabel ma nħatar bħala viċi għal Mohammed Omar f'Marzu 2010. Fl-2010, Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien direttament responsabbli mill-attivitajiet Talibani f'erba' provinċji fin-Nofsinhar tal-Afganistan u kien maħtur bħala kap tax-shura ċivili Talibana mill-bidu tal-2010. Akhtar Mohammad Mansour Shah Mohammed kien il-viċi ta' Mullah Abdul Ghani Baradar Abdul Ahmad Turk fil-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2009. Wara l-arrest ta' Mullah Baradar fi Frar 2010, kien qed jieħu ħsieb temporanjament il-Kunsill Suprem tat-Taliban.

(101) **Shamsuddin** (magħruf ukoll bħala Pahlawan Shamsuddin).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Qari. **Raġunijiet għall-elenkar:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Wardak (Maidan) (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Keshim, Provinċja ta' Badakhshan, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan, il-Pakistan u l-Iran. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427518

(102) **Shams Ur-Rahman Abdul Zahir** (magħruf ukoll bħala (a) Shamsur-rahman, (b) Shams-u-Rahman, (c) Shamsurrahman Abdurahman, (d) Shams ur-Rahman Sher Alam).

Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: 1969.

▼M19

Post tat-twelid: Raħal ta' Waka Uzbin, Distrett ta' Sarobi, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** (a) 2132370 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)), (b) 812673 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Involut fit-traffikar tad-drogi. Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4707215

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

F'Ġunju 2007, Shams ur-Rahman Sher Alam kien il-membru Taliban responsabbli għall-provinċja ta' Kabul. Huwa kien responsabbli mill-operazzjonijiet militari tat-Taliban f'Kabul u fil-madwar tiegħu u kien involut f'ħafna attakki. Kien involut fit-traffikar tad-drogi.

(103) Abdul Ghafar Shinwari.

Titlu: Haji. **Raġunijiet għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, Konsulat Ġenerali tat-Taliban, Karachi, Pakistan. **Data tat-twelid:** 29.3.1965. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000763 (maħruġ fid-9.1.1997). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Safi. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL ul-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446032

(104) **Mohammad Sarwar Siddiqmal Mohammad Masood** (magħruf ukoll bħala Mohammad Sarwar Siddiqmal).

Raġunijiet għall-elenkar: It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Jani Khel, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** 19657 (karta ta' identifikazzjoni Afgana (tazkira)). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Jappartjeni għat-tribù Mangal. Ir-rieżami skont ir-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665692

(105) Sher Mohammad Abbas Stanekzai Padshah Khan.

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** (a) Viċi Ministru għas-Saħħa Pubblika taħt ir-reġim Taliban, (b) Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Qala-e-Abbas, iż-żona Shah Mazar, Distrett ta' Baraki Barak, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427421

▼M19

(106) **Ahmad Taha Khalid Abdul Qadir.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Gvernatur tal-Provinċja ta' Paktia (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid**: (a) Il-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (b) Provinċja ta' Khost, l-Afganistan, (c) Raħal ta' Siddiq Khel, Distrett ta' Naka, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar fl-2011. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Zadran. Assoċjat qrib ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-1 ta' Ġunju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427521

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Taha kien ukoll Gvernatur taħt ir-reġim Taliban fil-provinċja ta' Kunar fl-aħħar tal-2001. Huwa kien responsabbli għall-Provinċja ta' Wardak għat-Taliban f'Settembru 2009. Kien il-membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar fl-2011. Huwa assoċjat qrib ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani.

(107) **Abdul Raqib Takhari.**

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Ministru għar-Ripatrijazzjoni taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn l-1968 u l-1973. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Zardalu Darra, Distrett ta' Kalafgan, Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-provinċji ta' Takhar u Badakhshan f'Diċembru 2009. Ikkonfermat bħala maqtul fis-17 ta' Frar f'Peshwar, il-Pakistan u midfun fil-Provinċja ta' Takhar, l-Afganistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678374

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Raqib Takhari kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Takhar u Badakhshan f'Diċembru 2009.

(108) **Walijan.**

Titlu: Maulavi. **Raġuni għall-elenkar**: Gvernatur tal-Provinċja ta' Jawzjan (Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1968. **Post tat-twelid:** (a) Quetta, il-Pakistan, (b) Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Membru tas-Shura Talibana f'Gerd-e-Jangal u Kap tal-Kumitat Taliban tal-Ħabsin u r-Refuġjati. Jappartjeni għat-tribù Ishaqzai. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427434

(109) **Nazirullah Hanafi Waliullah** (magħruf ukoll bħala Nazirullah Aanafi Waliullah).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Haji. **Raġunijiet għall-elenkar:** Attaché Kummerċjali, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1962. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru tal-Passaport:** D 000912 (passaport Afgan maħruġ fit- 30.6.1998). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 25.1.2001.

▼M19

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446026

(110) **Abdul-Haq Wassiq** (magħruf ukoll bħala: (a) Abdul-Haq Wasseq, (b) Abdul Haq Wasiq).

Titlu: Maulavi. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għas-Sigurtà (Intelligence) taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u l-ieħor fl-1975, (b) 1971. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Gharib, Distrett ta' Khogyani, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Indirizz:** Il-Qatar. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 31.1.2001.

Informazzjoni oħra: Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fis-27 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1427442

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul-Haq Wassiq huwa alleat ma' Gulbuddin Hekmatyar. Taħt ir-reġim Taliban, huwa kellu pożizzjonijiet suċċessivi bħala kmandant lokali fil-provinċji ta' Nimroz u ta' Kandahar. Huwa mbagħad sar Viċi Direttur Ġenerali tal-Intelligence, u kien jaħdem għal Qari Ahmadullah. F'din il-funzjoni, huwa kien responsabbli milli jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet ma' ġellieda barranin marbuta mal-Al-Qaida u l-kampijiet ta' taħriġ tagħhom fl-Afganistan. Huwa kien ukoll magħruf għall-metodi repressivi tiegħu kontra l-oppożituri tat-Taliban fin-Nofsinhar tal-Afganistan.

(111) **Mohammad Jawad Waziri.**

Raġunijiet għall-elenkar: Dipartiment tan-NU, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1960. **Post tat-twelid**: (a) Disrett ta' Jaghatu, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Sharana, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 23.2.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Wazir. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-23 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678350

(112) **Abdul Rahman Zahed** (magħruf ukoll bħala Abdul Rehman Zahid).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor fl-1963. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Kharwar, Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fl-21 ta' Lulju 2010. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678501

▼M19

(113) **Mohammad Zahid** (magħruf ukoll bħala (a) Jan Agha Ahmadzai (b) Zahid Ahmadzai).

Titlu: Mullah. **Raġunijiet għall-elenkar:** It-Tielet Segretarju, Ambaxxata Talibana, Islamabad, Pakistan. **Data tat-twelid:** 1971. **Post tat-twelid:** Il-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Numru tal-passaport:** D 001206 (maħruġ fis-17.7.2000). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 25.1.2001.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ir-rieżami skont ir-Riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà ġie konkluż fid-29 ta' Lulju 2010. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/1446039

(114) **Faizullah Khan Noorzai** (magħruf ukoll bħala: (a) Haji Faizullah Noor, (b) Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan, (c) Hajji Faizullah Khan Noorzai; Haji Faizuulah Khan Norezai; Haji Faizullah Khan; Haji Fiazullah, (d) Haji Faizullah Noori, (e) Haji Pazullah Noorzai, (f) Haji Mullah Faizullah).

Titlu: Haji. **Indirizz:** (a) Triq Boghra, Raħal ta' Miralzei, Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (b) Kalay Rangin, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tat-twelid**: (a) 1966, (b) 1961, (c) bejn 1968 u 1970, (d) 1962. **Post tat-twelid**: (a) Lowy Kariz, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Kadanay, Distrett ta' Spin Boldak Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (c) Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 04.10.2011.

Informazzjoni oħra: Finanzier prominenti Taliban. F'nofs l-2009, ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku lill-ġellieda Talibani; u ġabar fondi għat-Talibani, u pprovdilhom taħriġ, fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Qabel organizza u ffinanzja operazzjonijiet Talibani fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Fl-2010, ivvjaġġa lejn Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Ġappun u kellu negozji f'dawk il-pajjiżi. Jappartjeni għat-tribù Noorzai, is-sottotribù Miralzai. Ħu Malik Noorzai. Isem missieru huwa Akhtar Mohammed (magħruf ukoll bħala: Haji Mira Khan). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678606

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan serva bħala finanzier prominenti Taliban li miegħu investew fondi l-mexxejja Talibani anzjani. Huwa ġabar aktar minn USD 100 000 għat-Taliban minn donaturi fil-Golf u fl-2009 ta somma minn flusu. Huwa appoġġa finanzjarjament ukoll lill-kmandant Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar u pprovda fondi biex jgħin fit-taħriġ tal-ġellieda Talibani u tal-Al-Qaida li kellhom imexxu l-attakki kontra l-Koalizzjoni u l-forzi militari Afgani. F'nofs l-2005, Faizullah organizza u ffinanzja operazzjonijiet tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-Afganistan. Minbarra l-appoġġ finanzjarju tiegħu, Faizullah iffaċilita b'mod ieħor it-taħriġ u l-operazzjonijiet Talibani. F'nofs l-2009, Faizullah ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku għall-ġellieda Talibani min-Nofsinhar tal-Afganistan. Minn nofs l-2008, Faizullah kien responsabbli għall-akkomodazzjoni ta' qattiela suwiċidi bil-bombi Talibani

▼M19

u li jittrasferihom mill-Pakistan għall-Afganistan. Faizullah ipprovda wkoll missili kontra inġenji tal-ajru għat-Taliban, għen biex imexxi lill-ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-Afganistan, iffaċilita l-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani, u ta radji u vetturi lill-membri Talibani fil-Pakistan.

F'nofs l-2009, Faizullah mexxa madrassa (skola reliġjuża) fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan/Pakistan, fejn inġabru għexieren ta' eluf ta' dollari għat-Taliban. L-artijiet tal-madrassa ta' Faizullah intużaw biex jipprovdu taħriġ għall-ġellieda tat-Taliban fil-bini u l-użu ta' apparat splussiv improvizzat (IEDs). Tard fl-2007, il-madrassa ta' Faizullah serviet biex tħarreġ lill-ġellieda tal-Al-Qaida li iktar tard intbagħtu fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-l-Afganistan.

Fl-2010, Faizullah kellu uffiċini u possibbilment proprjetajiet, inklużi lukandi, f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Faizullah ivvjaġġa regolarment lejn id-Dubai u l-Ġappun ma' ħuh, Malik Noorzai, biex jimporta karozzi, partijiet tal-karozzi, u ħwejjeġ. Kmieni fl-2006, Faizullah kellu negozji fid-Dubai u fil-Ġappun.

(115) **Malik Noorzai** (magħruf ukoll bħala: (a) Hajji Malik Noorzai, (b) Hajji Malak Noorzai, (c) Haji Malek Noorzai, (d) Haji Maluk, (e) Haji Aminullah, (f) Allah Muhammad).

Titlu: Haji. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Finanzier Taliban. **Indirizz**: (a) Triq Boghra, Raħal ta' Miralzei, Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (b) Kalay Rangin, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tat-twelid**: (a) 1957, (b) 1960, (c) l-1 ta' Jannar 1963. **Post tat-twelid**: (a) Belt konfinali ta' Chaman, il-Pakistan, (b) Pishin, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Nru tal-passaport**: Passaport Pakistani numru FA0157612, inħareġ fit-23 ta' Lulju 2009, jiskadi fit-22 ta' Lulju 2014, uffiċjalment ikkanċellat fl-2013, inħareġ f'isem Allah Muhammad. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali Pakistana 54201-247561-5, uffiċjalment ikkanċellat fl-2013. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 4.10.2011.

Informazzjoni oħra: Finanzier Taliban. Għandu negozji fil-Ġappun u jivvjaġġa spiss lejn Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Ġappun. Fl-2009, iffaċilita attivitajiet Talibani, inkluż permezz tar-reklutaġġ u l-forniment ta' appoġġ loġistiku. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù Noorzai. Ħu Faizullah Khan Noorzai. Isem missieru huwa Haji Akhtar Muhammad. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL ul-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4670985

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Malik Noorzai huwa negozjant ibbażat fil-Pakistan li pprovda appoġġ finanzjarju lit-Taliban. Malik u ħuh, Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan, investew miljuni ta' dollari f'diversi negozji għat-Taliban. Tard fl-2008, ir-rappreżentanti tat-Taliban avviċinaw lil Malik bħala negozjant li miegħu jinvestu fondi Talibani. Sa mill-inqas l-2005, Malik ikkontribwixxa personalment ukoll għexieren ta' eluf ta' dollari u qassam mijiet ta' eluf ta' dollari lit-Taliban, li uħud minnhom inġabru minn donaturi fir-reġjun tal-Golf u l-Pakistan u uħud minnhom kienu l-flus ta' Malik stess. Malik kien responsabbli għal kont hawala fil-Pakistan li rċieva għexieren ta' eluf ta' dollari trasferiti mill-Golf kull ftit xhur biex jiġu appoġġati l-attivitajiet Talibani. Malik iffaċilita wkoll attivitajiet Talibani.

▼M19

Fl-2009, Malik kien serva bħala l-kap gwardjan ta' madrassa (skola reliġjuża) għal 16-il sena fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, li ntużat mit-Talibani għall-indottrinazzjoni u t-taħriġ ta' rekluti. Fost affarijiet oħra, Malik ta l-fondi li appoġġaw il-madrassa. Malik, flimkien ma' ħuh, qeda wkoll rwol fil-ħżin ta' vetturi li jintużaw fl-operazzjonijiet suwiċida Talibani bil-bombi u għen biex iċaqlaq ġellieda tat-Taliban madwar il-Provinċja ta' Helmand, fl-Afganistan. Malik għandu negozji fil-Ġappun u spiss iżur Dubai u l-Ġappun għan-negozju. Mill-2005 'l hawn, Malik kellu negozju tal-importazzjoni tal-vetturi fl-l-Afganistan li importa vetturi minn Dubai u l-Ġappun. Huwa importa karozzi, partijiet tal-karozzi u ħwejjeġ minn Dubai u l-Ġappun għan-negozji tiegħu, li fihom investew żewġ kmandanti tat-Taliban. F'nofs l-2010, Malik u ħuh assiguraw ir-rilaxx ta' mijiet ta' kontejners tal-merkanzija, li allegatament jiswew miljuni ta' dollari, li l-awtoritajiet Pakistani ssekwestraw iktar kmieni dik is-sena għax kienu tal-fehma li dawk li kellhom jirċevuhom kellhom konnessjoni mat-terroriżmu.

(116) **Abdul Aziz Abbasin** (magħruf ukoll bħala: Abdul Aziz Mahsud)

Data tat-twelid: 1969. **Post tat-twelid**: Ir-Raħal ta' Sheykhan Village, iż-Żona Pirkowti, Distrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 04.10.2011.

Informazzjoni oħra: Kmandant ewlieni fin-Netwerk Haqqani taħt Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. Shadow Governor tat-Taliban għad-Distrett ta' Orgun, Provinċja ta' Paktika kmieni fl-2010. Opera kamp ta' taħriġ għal ġellieda mhux Afgani fil-Provinċja ta' Paktika. Kien involut fit-trasport ta' armi lejn l-Afganistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4639645

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Aziz Abbasin huwa kmandant ewlieni fin-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mil-Lvant tal-Afganistan u l-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Kmieni fl-2010, Abbasin irċieva ordnijiet minn Sirajuddin Haqqani u nħatar minnu biex iservi bħala shadow governor tat-Taliban tad-Distrett Orgun, Provinċja ta' Paktika, fl-Afganistan. Abbasin huwa kmandant ta' grupp ta' ġellieda Talibani u għen fit-tmexxija ta' kamp ta' taħriġ għall-ġellieda barranin ibbażati fProvinċja ta' Paktika. Abbasin kien involut ukoll fl-attakk b'imbuskata ta' vetturi li jfornu l-forzi tal-gvern Afgan u fit-trasport ta' armi lejn l-Afganistan.

(117) **Ahmad Zia Agha** (magħruf ukoll bħala (a) Zia Agha, (b) Noor Ahmad, (c) Noor Ahmed, (d) Sia Agha Sayeed).

Titlu: Haji. **Data tat-twelid:** 1974. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 6.1.2012.

Informazzjoni oħra: Uffiċjal anzjan Taliban b'responsabbiltajiet militari u finanzjarji fl-2011. Mexxej tal-Kunsill Militari tat-Taliban fl-2010. Fl-2008 u l-2009, serva bħala uffiċjal tal-finanzji tat-Taliban u qassam flus lil kmandanti Talibani fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4653034

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

▼M19

Ahmad Zia Agha huwa mexxej anzjan Taliban b'responsabbiltajiet militari u finanzjarji. Fl-2010, Ahmad Zia Agha kien il-mexxej tax-shura (kunsill) militari tat-Taliban, li mexxa operazzjonijiet militari tat-Taliban fil-Punent tal-Afganistan. Fl-2009, Ahmad Zia Agha serva bħala uffiċjal finanzjarju Taliban u qassam flus lil kmandanti Talibani. Bħala parti mir-responsabbiltajiet finanzjarji tiegħu, Ahmad Zia Agha ttrasferixxa għexieren ta' eluf ta' dollari lil gvernaturi provinċjali alternattivi tat-Taliban; it-teżorier tax-shura tat-Taliban ukoll inkariga lil Ahmad Zia Agha b'mijiet ta' eluf ta' dollari biex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' apparat esplożiv improvviżat (IED). Fl-2008, Ahmad Zia Agha kien involut fid-distribuzzjoni ta' fondi lil kmandanti tat-Taliban fl-Afganistan u ttrasferixxa flus lil individwi assoċjati mat-Taliban barra mill-pajjiż. Huwa wkoll iffaċilita l-komunikazzjonijiet.

(118) **Fazl Rabi** (magħruf ukoll bħala (a) Fazl Rabbi, (b) Fazal Rabi, (c) Faisal Rabbi).

Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista: Uffiċjal għoli fil-Provinċja ta' Konar matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** (a) 1972, (b) 1975. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Kohe Safi, Provinċja ta' Parwan, l-Afganistan, (b) Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan, **(c)** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (d) Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 6.1.2012.

Informazzjoni oħra: Jirrappreżenta u jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku lin-Netwerk ta' Haqqani, li hu bbażat fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Membru tal-Kunsill Finanzjarju Taliban. Ivvajaġġa barra mill-pajjiż biex jiġbor fondi f'isem Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Jalaluddin Haqqani, in-netwerk ta' Haqqani u t-Taliban. Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678547

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Fazl Rabi jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku lin-Netwerk ta' Haqqani; grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Rabi vvjaġġa barra mill-pajjiż biex jiġbor il-flus għan-Netwerk ta' Haqqani u għen ukoll biex jinġabru flus għall-attivitajiet militari tat-Taliban. Fi Frar 2009, Rabi vvjaġġa lejn Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, biex jiġbor il-flus u jagħmel laqgħat f'isem Sirajuddin Haqqani, mexxej anzjan tan-Netwek ta' Haqqani. Rabi vvjaġġa wkoll lejn il-Golf biex jiġbor fondi għal Jalaluddin Haqqani, il-patrijarka tan-Netwerk ta' Haqqani. Rabi huwa wkoll membru tax-shura finanzjarja Talibana u qassam fondi lil kmandanti u uffiċjali tat-Taliban.

Rabi kien involut biex jintbagħtu qattiela suwiċidi lejn l-Afganistan u kkoordina r-relazzjoni tan-netwerk ta' Haqqani ma' gruppi militanti oħra. Filwaqt li serva bħala l-ogħla uffiċjal tat-Taliban fil-Provinċja ta' Konar matul ir-reġim Taliban, Rabi kien involuti fit-trasport bil-baħar narkotiċi illegali mill-Afganistan. Wara l-waqgħa tat-Taliban tard fl-2001, Rabi ħarab lejn ir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(119) **Mohammad Aman Akhund** (magħruf ukoll bħala (a) Mohammed Aman, (b) Mullah Mohammed Oman, (c) Mullah Mohammad Aman Ustad Noorzai, (d) Mullah Mad Aman Ustad Noorzai, (e) Sanaullah).

Data tat-twelid: 1970. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Band Tumur, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 6.1.2012.

▼M19

Informazzjoni oħra: Membru Għoli tat-Taliban mill-2011 bi dmirijiet finanzjarji, inkluż il-ġbir ta' fondi f'isem it-tmexxija. Ipprovda appoġġ loġistiku għall-operazzjonijiet tat-Taliban u kkanalizza r-rikavati mit-traffikar tad-drogi għax-xiri tal-armi. Aġixxa bħala segretarju tal-mexxej Taliban il-Mullah Mohammed Omar u bħala l-messaġġier tiegħu fil-laqgħat ta' livell għoli tat-Taliban. Assoċjat ukoll ma' Gul Agha Ishakzai. Membru taċ-ċirklu ristrett tal-Mullah Mohammed Omar matul ir-reġim Taliban. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4665005

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammad Aman Akhund huwa membru għoli tat-Taliban li jwettaq dmirijiet relatati mal-finanzi u aġixxa bħala s-segretarju tal-mexxej tat-Taliban Mullah Mohammed Omar. Kmieni fl-2010, Aman Akhund u Gul Agha Ishakzai, il-kap tal-kummissjoni finanzjarja tat-Taliban, ġabar aktar minn USD 300 000 fil-Golf f'isem it-tmexxija militari tat-Taliban. Aman Akhund attenda laqgħat ta' livell għoli tat-Taliban, fejn wassal messaġġi bil-fomm u bil-miktub minn Mullah Omar.

Aman Akhund ipprovda wkoll appoġġ loġistiku għal operazzjonijiet tat-Taliban u kien involut fil-ġbir tal-flus mill-kummerċ tad-droga sabiex jinxtraw armi għat-Taliban. Matul ir-reġim Taliban, Aman Akhund kien membru tax-shura ta' Mullah Omar.

(120) **Ahmed Jan Wazir Akhtar Mohammad** (magħruf ukoll bħala: (a) Ahmed Jan Kuchi, (b) Ahmed Jan Zadran).

Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista: Uffiċjal tal-Ministeru tal-Finanzi matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid**: 1963. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Barlach, Distrett ta' Qareh Bagh, Provinċja ta' Ghazni, Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 6.1.2012.

Informazzjoni oħra: Kmandant ewlieni tan-Netwerk ta' Haqqani, li hu bbażat fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jaġixxi ta' deputat, kelliem u konsulent għall-mexxej għoli tan-Netwerk ta' Haqqani Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. Jikkomunika mal-Kunsill Suprem tat-Taliban. Ivvjaġġa barra mill-pajjiż. Jikkoordina ma' kmandanti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Ghazni, fl-Afganistan, u jipprovdilhom flus, armi, tagħmir ta' komunikazzjoni u provvisti. Allegatament miet fl-2013. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4678368

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ahmed Jan Wazir huwa kmandant ewlieni fin-Netwerk ta' Haqqani; grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Ahmed Jan Wazir jaġixxi bħala viċi, konsulent u kelliem għal Sirajuddin Haqqani, mexxej anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, u jagħmel laqgħat f'isem in-Netwerk ta' Haqqani. Tard fl-2010, Ahmed Jan Wazir ivvjaġġa ma' membri għolja tan-Netwerk ta' Haqqani lejn il-Golf.

Ahmed Jan Wazir irrappreżenta n-Netwerk ta' Haqqani fi shura tat-Taliban u serva bħala intermedjarju bejn in-Netwerk ta' Haqqani u t-Taliban fil-Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. Fl-2008, militanti tat-Taliban u ta' Al-Qaida ħatru lil Ahmed Jan Wazir bħala kmandant tat-Taliban fil-Provinċja ta' Ghazni. Huwa pprovda flus u provvisti, inkluži armi u tagħmir għall-komunikazzjoni lil kmandanti oħra tat-Taliban fil-Provinċja ta' Ghazni. Matul ir-reġim Taliban, huwa kien impjegat mill-Ministeru tal-Finanzi.

▼M19

(121) **Abdul Samad Achekzai** (magħruf ukoll bħala Abdul Samad).

Data tat-twelid: 1970. **Post tat-twelid:** Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 2.3.2012.

Informazzjoni oħra: Membru anzjan tat-Taliban responsabbli mill-fabbrikazzjoni ta' apparat splussiv improvizzat (IED). Involut fir-reklutaġġ u l-iskjerament ta' qattiela suwiċidi bil-bombi biex iwettqu attakki fl-Afganistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4652670

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Samad Achekzai huwa membru għoli tat-Taliban involut fil-manifattura ta' apparat splussiv improvviżat (IED) u t-tħaddim ta' netwerk ta' appoġġ tal-IED tal-grupp. Samad, f'nofs l-2010, kien responsabbli għall-akkwist u l-ħżin tal-komponenti tal-IED, il-kostruzzjoni tad-detonaturi, it-taħriġ tal-IED b'appoġġ għall-ġellieda tat-Taliban fl-Afganistan tal-Punent u tan-Nofsinhar.

Samad kien ukoll involut f'attakki fl-Afganistan f'isem it-Taliban. Minn kmieni fl-2011, Samad kien qed jaħdem ma' membru tat-Taliban biex jiġi assassinat kmandant tal-Pulizija tal-Fruntieri Afgan u kien irrekluta qattiel suwiċida għal dan il-kompitu. Dak iż-żmien, Samad bagħat ħames qattiela suwiċidi fl-Afganistan biex iwettqu attakki fuq awtoritajiet tal-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà u Afgani. Fil-bidu tal-2010, Samad bagħat ħames qattiela suwiċidi f'Kandahar biex jimmiraw lil awtoritajiet Afgani hemmhekk.

(122) **Bakht Gul** (magħruf ukoll bħala: (a) Bakhta Gul, (b) Bakht Gul Bahar, (c) Shuqib).

Data tat-twelid: 1980. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Aki, Distrett ta' Zadran, Provinċja ta' Paktiya, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Indirizz**: Miram Shah, it-Tramuntanta ta' Waziristan, iż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 27.6.2012.

Informazzjoni oħra: Assistent tal-komunikazzjoni ta' Badruddin Haqqani (mejjet). Jikkoordina wkoll il-moviment ta' ribelli Haqqani, ġellieda barranin u armi fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Jappartjeni għat-tribù ta' Zadran. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4721045

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Bahkt Gul ilu uffiċjal tal-komunikazzjoni ewlieni tan-Netwerk ta' Haqqani tal-inqas mill-2009, meta l-predeċessur tiegħu ġie arrestat fl-Afganistan. Fl-2011, Gul kompla jirrapporta direttament lil Badruddin Haqqani (mejjet), mexxej għoli tan-Netwek ta' Haqqani, u serva ta' intermedjarju għal dawk li xtaqu jikkuntattjawh. Ir-responsabbiltajiet ta' Gul jinkludu li jgħaddi rapporti minn kmandanti fl-Afganistan lil uffiċjali anzjani tan-Netwerk ta' Haqqani, uffiċjali tal-mezzi tax-xandir tat-Taliban, u mezzi ta-xandir leġittimi fl-Afganistan. Gul jaħdem ukoll ma' uffiċjali tan-Netwerk ta' Haqqani, fosthom Badruddin Haqqani, biex jikkoordina l-moviment ta' ribelli, ġellieda barranin u armi tan-Netwerk ta' Haqqani fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan u l-Lvant tal-Afganistan. Fl-2010, Gul għadda ordnijiet operazzjonali mingħand Badruddin Haqqani lil ġellieda fl-Afganistan. Tard fl-2009, Gul qassam flus lil sottokmandanti tan-Netwerk ta' Haqqani li kienu qed jivvjaġġaw bejn Miram Shah u l-Afganistan.

▼M19

(123) **Abdul Satar Abdul Manan** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Abdul Sattar Barakzai, (b) Haji Abdul Satar, (c) Haji Satar Barakzai, (d) Abdulasattar).

Titlu: Haji. **Data tat-twelid**: 1964. **Post tat-twelid**: (a) Raħal ta' Mirmandaw, Distrett ta' Nahr-e Saraj, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Mirmadaw, Distrett ta' Gereshk, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (c) Qilla Abdullah, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Nru tal-Passaport**: (Passaport tal-Pakistan, jiskadi fil-11 ta' Aww. 2013). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: (a) Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali tal-Pakistan 5420250161699, (b) Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali Afgan 585629. **Indirizz**: (a) Triq Kachray, Pashtunabad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (b) Nasrullah Khan Chowk, iż-Żona ta' Pashtunabad, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (c) Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (d) Abdul Satar Food Shop, Ayno Mina 0093, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 29.6.2012.

Informazzjoni oħra: Koproprjetarju ta' Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange u assoċjat ukoll ma' Khairullah Barakzai. Jappartjeni għat-tribù ta' Barakzai. Isem il-missier huwa Hajji 'Abd-al Manaf. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4998005

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Satar Abdul Manan huwa sid konġunt u operatur ta' Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange. Satar u Khairullah Barakzai Khudai Nazar kienu s-sidien u l-operaturi konġunti ta' hawalas (servizzi ta' rimessa ta' flus informali) magħrufa bħala HKHS fl-Afganistan, il-Pakistan, u Dubai u mexxew fergħa tal-HKHS fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Lejn l-aħħar tal-2009, Satat u Khairullah kellhom sħubija ugwali fl-HKHS. Satar kien il-fundatur ta' HKHS u parti mir-raġuni li għaliha l-klijenti għażlu li jużaw l-HKHS kienet minħabba l-ismijiet magħrufa ta' Satar u Khairullah. Satar ta eluf ta' dollari lit-Taliban biex jappoġġa attivitajiet tat-Taliban fl-Afganistan u qassam fondi lit-Taliban billi uża l-hawala tiegħu. Fl-2010, Satar ipprovda għajnuna finanzjarja lit-Taliban, u kmandant tat-Taliban u l-assoċjati tiegħu jista' jkun li ttrasferew eluf ta' dollari permezz ta' Satar bħala appoġġ għar-ribelljoni. Lejn l-aħħar tal-2009, Satar ospita membri għoljin tat-Taliban, ipprovda għexieren ta' eluf ta' dollari biex jgħin il-ġlieda tat-Taliban kontra l-Forzi ta' Koalizzjoni f'Marjah, id-Distrett ta' Nad'Ali, il-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, u għen biex jittrasporta lil membru tat-Taliban lejn Marjah. Fl-2008, Satar u Khairullah ġabru flus minn donaturi u qassmu l-fondi lit-Taliban billi użaw il-hawala tagħhom.

(124) **Khairullah Barakzai Khudai Nazar** (magħruf ukoll bħala **(a)** Haji Khairullah, **(b)** Haji Khair Ullah, **(c)** Haji Kheirullah, **(d)** Haji Karimullah, **(e)** Haji Khair Mohammad).

Titlu: Haji. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Sid konġunt ta' Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange. **Data tat-twelid**: 1965. **Post tat-twelid**: (a) Raħal ta' Zumbaleh, Distrett ta' Nahr-e Saraj, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Mirmadaw, Distrett ta' Gereshk, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (c) Qilla Abdullah, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Nru tal-passaport**: BP4199631 (Passaport Pakistani, jiskadi fil-25 ta' Ġunju 2014, ilu uffiċjalment ikkanċellat fl-2013). **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali Pakistana 5440005229635, uffiċjalment ikkanċellat fl-2013. **Indirizz**: Abdul Manan Chowk, Pashtunabad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 29.6.2012.

Informazzjoni oħra: Sid konġunt ta' Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange (Tae.010) u assoċjat ukoll ma' Abdul Satar Abdul Manan. Jappartjeni għat-tribù ta' Barakzai. Isem il-missier huwa Haji Khudai Nazar. L-isem alternattiv tal-missier huwa Nazar Mohammad. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/4722167

▼M19

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Khairullah Barakzai Khudai Nazar huwa sid konġunt u operatur ta' Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange (HKHS). Lejn l-aħħar tal-2009, Khairullah u Abdul Satar Abdul Manan kellhom sħubija ugwali fl-HKHS. Huma ħaddmu b'mod konġunt ħawalas magħrufa bħala HKHS fl-Afganistan, il-Pakistan, u Dubai u mexxew fergħa tal-HKHS fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Minn kmieni fl-2010, Khairullah kien il-kap tal-fergħa tal-HKHS f'Kabul. Fl-2010, Khairullah kien ħawaladar għat-tmexxija għolja tat-Taliban u pprovda għajnuna finanzjarja lit-Taliban. Khairullah, flimkien mas-sieħeb tan-negozju tiegħu Satar, ipprovda eluf ta' dollari lit-Taliban biex jappoġġa attivitajiet tat-Taliban fl-Afganistan. Fl-2008, Khairullah u Satar ġabru flus minn donaturi u qassmu l-fondi lit-Taliban billi użaw il-ħawala tagħhom.

(125) **Abdul Rauf Zakir** (magħruf ukoll bħala Qari Zakir).

Titlu: Qari **Data tat-twelid**: Bejn l-1969 u l-1971. **Post tat-twelid**: Provinċja ta' Kabul, **Ċittadinanza** Afgana: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 5.11.2012.

Informazzjoni oħra: Kap tal-operazzjonijiet suwiċida għan-Netwerk ta' Haqqan taħt Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u responsabbli għall-operazzjonijiet kollha fil-provinċji ta' Kabul, Takhar, Kunduz u Baghlan. Jissorvelja t-taħriġ tal-attakkanti suwiċida u jagħti struzzjonijiet dwar kif jinbena apparat esplożiv improvviżat (IEDs). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5039797

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Abdul Rauf Zakir huwa l-kap tal-operazzjonijiet suwiċida għan-Netwerk ta' Haqqani u l-kmandant doganali responsabbli għall-operazzjonijiet kollha fil-provinċji ta' Kabul, Takhar, Kunduz u Baghlan fl-Afganistan. Zakir avviċina l-mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani Sirajuddin Haqqani bejn wieħed u ieħor fl-2008, fejn talab għal assistenza finanzjarja bi skambju għall-espansjoni tal-influwenza u l-operazzjonijiet tan-Netwerk ta' Haqqani lejn l-Afganistan ta' Fuq, u sar soċju ta' fiduċja u persuna fdata ta' Sirajuddin.

Bħala l-kap tal-operazzjonijiet suwiċida, Zakir huwa responsabbli għat-taħriġ ta' rekluti. Taħt il-programm tiegħu, ir-rekluti huma mħarrġa fil-kostruzzjoni ta' armi żgħar bażiċi, armamenti tqal, u apparat esplożiv improvviżat (IED).

Zakir kien involut f'ħafna mill-attakki suwiċidalili ta' profil għoli tan-Netwerk ta' Haqqani u huwa parzjalment responsabbli għal uħud mid-determinazzjonijiet finali li saru dwar jekk ikomplux bl-attakki fuq skala kbira ppjanati minn kmandanti fil-livell lokali u distrettwali. Attakki bl-użu ta' persunal magħżul mill-programm ta' taħriġ ta' Zakir jinkludi l-attakk ta' Ġunju 2011 fuq l-Intercontinental Hotel f'Kabul, fejn inqatlu 11-il persuna ċivili u żewġ pulizija Afgani, u l-attakk ta' Settembru 2011 fuq l-Ambaxxata tal-Istati Uniti f'Kabul, fejn inqatlu 16-il Afgan, fosthom mill-inqas sitt itfal.

(126) **Mohammed Qasim Mir Wali Khudai Rahim** (magħruf ukoll bħala **(a)** Muhammad Qasim, **(b)** Abdul Salam).

Titlu: Haji. **Data tat-twelid:** Bejn l-1975 u l-1976. **Post tat-twelid: (a)** Raħal ta' Minar, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, Afganistan, **(b)** Raħal ta' Darweshan, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: (a)** Karta tal-identità nazzjonali Afgana (tazkira) numru 57388 maħruġa fid-Distrett

▼M19

ta' Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, Afganistan **(b)** Numru tal-karta residenzjali 665, Ayno Maina, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Indirizz: (a)** Wesh, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan, **(b)** Safaar Bazaar, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, Afganistan **(c)** Numru tal-kamra 33, il-5 Sular, Sarafi Market, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 21.11.2012.

Informazzjoni oħra: Proprjetarju ta' Rahat Ltd. involut fil-forniment tal-armi għat-Taliban, inkluż apparat esplożiv improvviżat (IED). Arrestat fl-2012 u taħt kustodja fl-Afganistan minn Jannar 2013. Assoċjat ma' Rahat Ltd.. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5041285

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mohammed Qasim Mir Wali Khudai Rahim huwa l-proprjetarju ta' Rahat Ltd., li għandha fergħat madwar l-Afganistan, il-Pakistan u l-Iran u pparteċipa fil-finanzjament u l-iffaċilitar tar-ribelli Talibani.

Persuni f'karigi għoljin tat-Taliban iltaqgħu personalment ma' Qasim u ma' maniġers tal-fergħat ta' Rahat Ltd.. Huma frekwentaw ukoll fergħat ta' Rahat Ltd. u użaw is-servizzi ta' Qasim biex jirċievu, jaħżnu u jibagħtu fondi biex jiġu appoġġati kemm l-operazzjonijiet tar-ribelljoni tagħhom ġewwa l-Afganistan u l-attivitajiet narkotiċi ta' ġbir ta' fondi. Waqt laqgħa ma' persuni f'karigi għoljin tat-Taliban fl-2011, Qasim wera l-kompliċità konxja tiegħu fl-immaniġġjar ta' fondi tat-Taliban permezz tal-fergħat ta' Rahat Ltd. fl-Afganistan u l-Pakistan. Qasim kien personalment assoċjat ma' kmandanti ribelli Talibani fl-Afganistan u n-netwerks involuti fil-forniment tal-armi inkluż apparat esplożiv improvviżat (IED).

Qasim uża Rahat Ltd. biex jipprovdi servizzi finanzjarji lin-netwerks narkotiċi tiegħu stess u ta' ħaddieħor li jinsabu fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan u affiljati mat-Taliban.

(127) **Ahmed Shah Noorzai Obaidullah** (magħruf ukoll bħala: **(a)** Mullah Ahmed Shah Noorzai, **(b)** Haji Ahmad Shah, **(c)** Haji Mullah Ahmad Shah, **(d)** Maulawi Ahmed Shah, (e) Mullah Mohammed Shah).

Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. **Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista**: Ipprovda servizzi finanzjarji lil Ghul Agha Ishakzai u Talibani oħrajn fil-Provinċja ta' Helmand. **Data tat-twelid**: (a) l-1 ta' Jannar 1985, (b) 1981. **Post tat-twelid**: Quetta, il-Pakistan. **Nru tal-passaport**: Passaport Pakistani numru NC5140251 maħruġ fit-23 ta' Ottubru 2009 jiskadi fit-22 ta' Ottubru 2014, ilu uffiċjalment ikkanċellat mill-2013. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Numru tal-karta tal-identità nazzjonali Pakistani 54401-2288025-9, ilu uffiċjalment ikkanċellat mill-2013. **Indirizz**: Quetta, il-Pakistan. **Data tad-Dežinjazzjoni min-NU**: 26.2.2013.

Informazzjoni oħra: Huwa sid ta' u jopera r-Roshan Money Exchange. Ipprovda servizzi finanzjarji lil Ghul Agha Ishakzai u Talibani oħrajn fil-Provinċja ta' Helmand. Titlu alternattiv huwa Maulavi. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5278407

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

▼M19

Ahmed Shah Noorzai Obaidullah huwa sid ta' u jopera r-Roshan Money Exchange, li tipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali, jew teknoloġiku, jew servizzi finanzjarji u servizzi oħrajn lil jew b'appoġġ għat-Taliban. Ir-Roshan Money Exchange taħżen u tittrasferixxi fondi biex jappoġġaw operazzjonijiet militari tat-Taliban u r-rwol tat-Taliban fil-kummerċ tan-narkotiċi Afgan. Mill-2011 'l hawn, ir-Roshan Money Exchange kienet waħda mill-fornituri ta' servizzi ta' flus prinċipali (jew "hawalas") użati mill-uffiċjali tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan.

Ahmed Shah ipprovda servizzi hawala lill-mexxejja tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helman għal numru ta' snin u, mill-2011 'l hawn, kien fornitur fdat ta' servizzi ta' flus għat-Taliban. Kmieni fl-2012, it-Taliban ordna lil Ahmed Shah jittrasferixxi flus lil numru ta' hawalas f'Lashkar Gah, il-Provinċja ta' Helmand, minn fejn kmandant anzjan tat-Taliban kien imbagħad jalloka l-fondi.

Tard fl-2011, Ahmed Shah ikkonsolida mijiet ta' eluf ta' dollari Amerikani biex jgħaddihom lill-Kummissjoni tal-Finanzi tat-Taliban u ttrasferixxa mijiet ta' eluf ta' dollari Amerikani għat-Taliban, inkluż lil kmandanti anzjani tat-Taliban. Ukoll tard fl-2011, Ahmed Shah irċieva permezz tal-fergħa tal-hawala tiegħu fi Quetta, il-Pakistan, trasferiment f'isem it-Taliban, li minnu ntużaw flus biex jinxtara fertilizzant u komponenti għal apparat esplożiv improvizzat (IED), inklużi batteriji u niċċa detonatriċi. F'nofs l-2011, il-kap tal-kummissjoni tal-finanzi tat-Taliban Gul Agha Ishakzai ta struzzjonijiet lil Ahmed Shah biex jiddepożita diversi miljuni ta' dollari Amerikani fir-Roshan Money Exchange għat-Taliban. Gul Agha spjega li meta trasferiment ta' flus kien meħtieġ, hu kien jinforma lil Ahmed Shah min hu t-Taliban li kellu jirċevihom.

Ahmed Shah imbagħad kien jipprovdi l-fondi meħtieġa permezz tas-sistema tal-hawala tiegħu. Minn nofs l-2010, Ahmed Shah mexxa flus bejn il-Pakistan u l-Afganistan għal kmandanti tat-Taliban u għal traffikanti tan-narkotiċi. Barra mill-attivitajiet tiegħu ta' faċilitazzjoni, Ahmed Shah għamel donazzjonijiet ta' somom kbar ta' flus imma mhux speċifiċi lit-Taliban fl-2011.

(128) **Adam Khan Achekzai** (magħruf ukoll bħala (a) Maulavi Adam Khan, (b) Maulavi Adam).

Titlu: Maulavi. **Data tat-twelid:** (a) 1970, (b) 1972, (c) 1971, (d) 1973, (e) 1974, (f) 1975. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Kandahar, Afganistan. **Indirizz:** Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Ċittadinanza:** Pakistana. **Data tad-Deżinjazzjoni min-NU:** 16.4.2013.

Informazzjoni oħra: Produttur ta' apparat esplożiv improvviżat u faċilitatur għat-Taliban. Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Badghis, l-Afganistan, f'nofs l-2010. Ex membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċji ta' Sar-e Pul u ta' Samangan, l-Afganistan. Bħala kmandant militari tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, kien involut fl-organizzazzjoni ta' attakki suwiċidalili fi provinċji ġirien. Assoċjat ma' Abdul Samad Achekzai. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5304878

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Adam Khan Achekzai huwa manufattur ta' apparat esplożiv improvviżat (IED) u faċilitatur għat-Taliban. Mill-2012, Adam bena IEDs u kien ħarreġ madwar 150 persuna li tagħmel IEDs f'appoġġ tat-Taliban. Lejn l-aħħar

▼M19

tal-2010, Adam kien mexxej militari Taliban li kien responsabbli mill-produzzjoni ta' IEDs u ġkieket esplożivi. Adam kien viċi tal-faċilitatur tat-Taliban għall-IED Abdul Samad Achekzai u, bħala viċi ta' Samad, ikkoordina attivitajiet ta' akkwist għan-netwerk.

Minbarra l-dmirijiet tiegħu ta' faċilitazzjoni ta' IEDs, Adam kellu rwoli oħrajn bħala mexxej tat-Taliban. Tard fl-2010, Adam ġie nominat Kap tat-Taliban għall-Provinċja ta' Badgħis, l-Afganistan. Adam huwa wkoll l-ex-kap tat-Taliban għall-Provinċji ta' Sar-e Pul u ta' Samangan, l-Afganistan. Bħala kmandant militari tat-Taliban fil-Provinċja ta' Qandahar, l-Afganistan, Adam kien involut fl-organizzazzjoni ta' attakki suwiċidalili fi provinċji ġirien.

(129) **Rahmatullah Shah Nawaz.**

Titlu: Alhaj **Dežinjazzjoni**: m/d **DTT**: (a) 1981, (b) 1982, **PTT**: Shadal (varjant Shadaal) Bazaar, Achin District, Nangarhar Province, l-Afganistan. **Psewdonimu affidabbli:** (a) Qari Rahmat (qabel kien elenkat hekk), (b)Kari Rahmat. **Alias inqas affidabbli:** m/d **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru. tal-passaport:** m/d. **Nru. tal-identifikazzjoni nazzjonali:** m/d. **Indirizz:** (a) Raħal ta' Kamkai, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (b) Raħal ta' Kamkai, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (c) Raħal ta' Surkhel, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, (d) Raħal ta' Batan, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 21.8.2014.

Informazzjoni oħra: Deskrizzjoni fiżika: kulur l-għajnejn kannella, kulur ix-xagħar: iswed, piż: 77-81 kg, tul: 178 cm daqna sewda qasira-medja, xagħar iswed qasir. Jappartjeni għat-tribù Shinwari, is-sottotribù Sepahi. Kmandant tat-Taliban tal-inqas minn Frar 2010. Jiġbor taxxi u jxaħħam f'isem it-Taliban minn April 2015. Jikkoordina ma' u jipprovdi lill-aġenti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, informazzjoni, gwida, akkomodazzjoni u armi u qiegħed apparat esplożiv improvviżat (IED) u mexxa attakki kontra l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) u l-forzi Afgani. Involut fit-traffikar tad-drogi u jopera laboratorju tal-eroina fir-raħal ta' Abdulkhel, distrett ta' Achin, provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5810480

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Qari Rahmat ilu kmandant Taliban minn tal-inqas Frar 2010. Kmieni fl-2013, Rahmat serva bħala kmandant Taliban fiż-żona ta' Shadaal Bazaar tad-Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Rahmat iddeieġa l-attivitajiet ta' madwar 300 aġent tat-Taliban fid-Distrett ta' Achin u pprovda gwida operazzjonali u armi lil dawn l-aġenti. Tard fl-2012, Rahmat mexxa attakk kontra l-forzi Afgani fid-Distrett ta' Kot, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Min-nofs l-2012, Rahmat serva taħt ix-shadow kap Taliban tad-Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Matul dan iż-żmien, Rahmat kien faċilitatur Taliban li qiegħed apparat esplożiv improvviżat u mexxa attakki kontra l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) u l-forzi Afgani.

Rahmat jiġbor ukoll taxxi u jxaħħam f'isem it-Taliban. Minn kmieni fl-2013, Rahmat ġabar it-taxxi f'isem it-Taliban minn traffikanti tad-droga fi Shadaal Bazaar, Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar. Min-nofs l-2012, Rahmat kien inkarigat mill-ġbir tat-taxxi minn traffikanti tan-narkotiċi għat-Taliban.

▼M19

Rahmat jipprovdi informazzjoni dwar intelligence lit-Taliban. Minn kmieni fl-2013, Rahmat ipprovda lis-superjuri Talibani tiegħu informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' uffiċjali tal-gvern Afgan u tal-forzi tas-sigurtà Afgani fid-Distrett ta' Achin, Provinċja ta' Nangarhar. Rahmat ġabar intelligence għat-Taliban minn ħaddiema tal-Gvern Afgan minn nofs l-2012 u wettaq ukoll investigazzjonijiet biex jesponi informaturi tal-ISAF u tal-Gvern Afgan għall-benefiċċju tat-Taliban.

Rahmat ipprovda wkoll għajnuna letali, akkomodazzjoni, u gwida lill-ġellieda Talibani. Lejn l-aħħar tal-2012, Rahmat ipprovda granati bi propulsjoni permezz ta' rokit (RPGs — rocket-propelled grenades), mitraljatriċi ħfief PKM u azzarini tal-assalt AK-47 lit-Taliban. Rahmat ta wkoll kenn lil ġellieda tat-Taliban fil-pensjoni tiegħu u matul dan il-perijodu pprovda gwida tattika lill-ġellieda Talibani. Lejn l-aħħar tal-2011, Rahmat kellu pensjoni fid-Distrett ta' Achin fejn spiss kienu joqogħdu membri tat-Taliban.

(130) **Qari Saifullah Tokhi** (magħruf ukoll bħala: (a) Qari Saifullah, (b) Qari Saifullah Al Tokhi, (c) Saifullah Tokhi, (d) Qari Sahab).

Titlu: Qari. **Indirizz**: Żona Chalo Bawari, Belt ta' Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor fl-1964. **Post tat-twelid**: Ir-Raħal ta' Daraz, Distrett ta' Jaldak wa Tarnak, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 19.3.2014.

Informazzjoni oħra: Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Shadow Viċi Gvernatur Taliban u kmandant operazzjonali fil-Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan, responsabbli għat-tqegħid ta' apparat esplożiv improvviżat u l-organizzazzjoni ta' attakki suwiċidali. Deskrizzjoni fiżika: tul: 180 cm; piż: madwar 90 kg; statura: statura atletika; kulur tal-għajnejn: kannella; kulur tax-xagħar: aħmar; karnaġġjon: kannella medju. Marki fiżiċi li jiddistingwu: wiċċ kbir tond, daqna sħiħa, u jzappap minħabba prosteżi tal-plastik minflok il-parti t'isfel ta' riġlu tax-xellug. Sfond etniku: Pashtun; Jappartjeni għat-tribù Tokhi, is-sottotribù ta' Barkozai (kitba alternattiva għal tribù: Torchi). Barkozai (kitba alternattiva għal tribù: Bakorzai), باکورزی) sottotribù, il-klann ta' Kishta Barkorzai (Barkorzai t'isfel). Stat Ċivili: miżżewweġ. Isem il-missier: Agha Mohammad. Isem ħuh: Humdullah. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5778692

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Qari Saifullah Tokhi huwa shadow Viċi Gvernatur Taliban u kmandant operazzjonali fil-Lvant tal-Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. Huwa kkmanda direttament żewġ gruppi ta' madwar 50 ġellieda Talibani u kellu l-kmand fuq kmandanti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Zabul. Qari Saifullah Tokhi uża dawn il-gruppi biex jorganizza attivitajiet terroristiċi kontra l-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Afganistan u l-Forzi ta' Koalizzjoni fil-Lvant Provinċja ta' Zabul. Qari Saifullah Tokhi ħareġ ukoll ordnijiet lill-persuni subordinati għalih, wettaq attakki b'apparat esplożiv improvizzat (IED), attakki b'armi tan-nar ħfief, u attakki bil-missili fil-Provinċja ta' Zabul.

Tliet ġellieda Talibani nqatlu bil-lejl fit-2 ta' Diċembru 2012, fid-Distrett ta' Qalat, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan. Huma nqabdu jqiegħdu IEDs u għaldaqstant inqatlu. It-tlett irġiel kienu magħrufa bħala l-ġellieda ta' Qari Saifullah Tokhi.

Fl-14 ta' Jannar 2012, sitt ribelli Talibani subordnati għal Qari Saifullah Tokhi attakkaw konvoj tal-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF). Ir-ribelli Talibani attakkaw il-konvoj permezz ta' propulsjoni permezz ta' missili (RPGs) viċin ir-raħal ta' Abdul Haq Kalay, fid-Distrett ta' Tarnak Wa Jaldak.

▼M19

Fit-28 ta' Settembru 2011, żewġ qattiela suwiċidi taħt id-direzzjoni tal-kmandant Taliban Qari Saifullah Tokhi kienu qed jippjanaw attakki. Wieħed mill-qattiela suwiċidi ppjana li jattakka l-iskwadra għar-rikostruzzjoni provinċjali (PRT — provincial reconstruction team) fid-Distrett ta' Qalat, il-Provinċja ta' Zabul. It-tieni qattiel suwiċida ppjana li jattakka l-bażi tal-ISAF fid-Distrett ta' Shajoy. Il-qattiela suwiċidi ppjanaw li jattakkaw il-bażijiet tal-forzi ta' koalizzjoni bejn id-29 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2011.

Fl-20 ta' April 2011, it-Taliban, taħt it-tmexxija ta' Qari Saifullah Tokhi, wissa lin-netwerks lokali tat-telefonija ċellulari li kien ser iwaqqaf is-servizzi tagħhom fil-Provinċja ta' Zabul. Jekk is-servizzi ma jitwaqqfux skont id-direzzjoni tat-Taliban, it-Taliban hedded li jeqred l-antenni tagħhom tul it-toroq fil-Provinċja ta' Zabul. Fil-25 ta' Novembru 2010, Qari Saifullah Tokhi ordna lil kmandant tat-Taliban u shadow subgvernatur tad-Distrett ta' Atghar, fil-Provinċja ta' Zabul, biex jittrasportaw armi ħfief lejn il-belt ta' Qalat, il-belt kapitali tal-Provinċja ta' Zabul. Il-vjeġġ kien fih madwar 25 azzarin tat-tip Kalashnikov, 10 machine guns, 5 RPGs, u 20 granata. Il-qattiela suwiċidi ppjanaw li jużaw dawn l-armi kontra l-forzi tal-ISAF u l-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali Afgani, filwaqt li jimmiraw speċifikament lejn it-Tieni Brigata tal-Armata Nazzjonali Afgana u l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

(131) **Yahya Haqqani** (magħruf ukoll bħala: (a) Yaya, (b) Qari Sahab).

Indirizz: A Haqqani Madrassa fiż-Żona tal-Fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tat-twelid**: (a) 1982, (b) 1978. **Ċittadinanza**: Afgana. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 31.7.2014.

Informazzjoni oħra: Membru Għoli tan-Netwerk ta' Haqqani (HQN). Involut mill-qrib fl-attivitajiet militari, finanzjarji u propagandisti tal-grupp. Imweġġa' f'riġlu. Isem missieru hu Hajji Meyawar Khan (mejjet). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5807173

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Yahya Haqqani huwa membru għoli tan-Netwerk ta' Haqqani (HQN) li kien involut mill-qrib fl-attivitajiet militari, finanzjarji u propagandistiċi tal-grupp. Yahya aġixxa bħala kap de facto tal-grupp meta kienu assenti l-mexxejja l-aktar għolja Sirajuddin Jallaloudine Haqqani (ħaten Yahya), Badruddin Haqqani (mejjet, qabel fil-lista), u Khalil Haqqani. Yahya assuma wkoll doveri bħala persuna responsabbli għal-loġistika tal-HQN u ffaċilita l-finanzjament għall-kmandanti Haqqani inkluża persuna subordinata tal-kmandant, issa mejta, tal-HQN Sangin Zadran Sher Mohammad u kap tal-operazzjonijiet suwiċida tal-HQN, Abdul Rauf Zakir. Yahya għamilha wkoll ta' interpretu tal-Għarbi u messaġġier għal Sirajuddin Jallaloudine Haqqani.

Yahya mexxa attivitajiet sinifikanti ta' faċilitazzjoni b'appoġġ għall-attakki tal-HQN u attivitajiet oħrajn. Kmieni fl-2013 hu ffaċilita l-finanzjament għall-ġellieda tal-HQN. Kmieni fl-2013 ukoll, Yahya kkoordina t-trasferiment ta' provvisti mill-Emirati Għarab Magħquda lill-mexxej anzjan tal-HQN Khalil Haqqani. Fl-2012, Yahya kkoordina d-distribuzzjoni ta' apparat esplożiv improvviżat (IED) u tagħmir ta' komunikazzjoni, u eżamina wkoll it-tħejjijiet għall-attakk tas-7 ta' Awwissu 2012 mill-HQN fuq Bażi Operattiva Avvanzata ta' Koalizzjoni fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, fejn indarbu tlettax-il persuna, inklużi ħdax-il persuna ċivili Afgana. X'aktarx li Yahya kien jaf minn qabel bl-atakk ta' Ġunju 2011 fuq

▼M19

Intercontinental Hotel f'Kabul, l-Afganistan, immexxi minn Sirajuddin Haqqani u Badruddin Haqqani. Fl-attakk inqatlu tmintax-il persuna u tnax indarbu. Mill-2011 'l hawn, Yahya wassal flus mingħand Sirajuddin Haqqani lill-kmandanti tal-HQN għal operazzjonijiet.

Xi drabi, Yahya jagħmilha ta' kollegament bejn l-HQN u l-Al Qaida (AQ) u kellu rabtiet mal-AQ tal-inqas minn nofs l-2009. F'dan ir-rwol, Yahya pprovda flus lill-membri tal-AQ fir-reġjun għall-ispejjeż personali tagħhom. Min-nofs l-2009, hu kien il-kollegament primarju tal-HQN mal-ġellieda barranin, inklużi Għarab, Uzbeki u Ċeċeni.

Yahya mexxa u ġġestixxa wkoll attivitajiet ta' media u ta' propaganda tal-HQN u t-Taliban. Minn kmieni fl-2012, Yahya s-soltu ltaqa' ma' Sirajuddin Haqqani biex jikseb l-approvazzjoni finali tal-vidjos propagandistiċi Talibani li jkun għamel Yahya. Yahya ħadem fuq affarijiet tal-HQN dwar media tal-inqas mill-2009 meta ħadem minn studjo tal-media f'madrassa tal-HQN, jeditja vidjos mill-ġellieda Afgani. Lejn l-aħħar tal-2011, Yahya akkwista flus għall-ispejjeż ta' media tal-HQN minn Sirajuddin Haqqani jew minn wieħed mis-sostituti ta' Sirajuddin Haqqani.

Minn kmieni fl-2012, Yahya vvjaġġa madwar darbtejn fix-xahar, xi drabi ma' Saidullah Jan, biex jiltaqa' mal-emissarju finanzjarju tal-HQN, issa mejjet, Nasiruddin Haqqani.

(132) **Saidullah Jan** (magħruf ukoll bħala: Abid Khan).

Data tat-twelid: 1982. **Post tat-twelid**: Distrett ta' Giyan, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU**: 31.7.2014.

Informazzjoni oħra: Ilu membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani Network (HQN) mill-2013. Ipprovda appoġġ kritiku ta' faċilitazzjoni lil xufiera u lil vetturi li jittrasportaw munizzjon tal-HQN. Involut ukoll fl-isforzi ta' reklutaġġ tal-grupp mill-2011 'l hawn. Isem il-missier huwa Bakhta Jan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5807179

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Saidullah Jan ilu membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani (HQN) mill-2013 li xi drabi għamilha wkoll ta' deputat tal-HQN, ta' kmandant tal-HQN għaż-Żona tat-Tramuntana tal-Afganistan u ta' koordinatur ewlieni tal-loġistika tal-HQN.

Tard fl-2013, Saidullah ipprovda appoġġ kritiku ta' faċilitazzjoni lil xufiera u lil vetturi li jittrasportaw munizzjon tal-HQN. Lejn l-aħħar tal-2011, Saidullah kien ukoll involut fl-isforzi ta' reklutaġġ tal-grupp u mexxa l-evalwazzjoni ta' mill-inqas rekluta wieħed tal-HQN.

Tard fl-2013, Saidullah ivvjaġġa lejn il-Golf fil-kumpannija tal-persuni li jiġbru l-fondi għall-HQN Khalil Ahmed Haqqani, Fazl Rabi, u membri oħrajn tal-HQN inkluż faċilitatur tal-attakki. Fl-2010, Saidullah ivvjaġġa lejn il-Golf ma' grupp ta' mexxejja tal-HQN, inkluż uffiċjal tal-HQN, issa mejjet, Ahmed Jan Wazir Akhtar Mohammad.

▼M19

Tard fl-2013, Saidullah allegatament kien fdat mill-membri tal-Al-Qaida bħala kollaboratur tal-HQN li seta' jgħin f'każ ta' kwalunkwe inkwiet inkluż arrest. Minn kmieni fl-2012, Saidullah Jan xi drabi vvjaġġa ma' Yahya Haqqani biex jiltaqa' mal-emissarju finanzjarju tal-HQN, issa mejjet, Nasiruddin Haqqani.

(133) **Muhammad Omar Zadran** (magħruf ukoll bħala: Mohammad-Omar Jadran).

Titlu: (a) Maulavi, (b) Mullah. **Data tat-twelid**: 1958. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Sultan Kheyl, Distrett ta' Spera, Provinċja ta' Khost, l-Afganistan. **Indirizz**: fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 31.7.2014.

Informazzjoni oħra: Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani (HQN) li ilu jikkmanda aktar minn 100 militant attiv fil-Provinċja ta' Khost, l-Afganistan mill-2013. Involut fit-tħejjija ta' attakki kontra forzi Afgani u internazzjonali fl-Afganistan. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5807181

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Muhammad Omar Zadran (Omar) huwa mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani (HQN) li ilu mill-2013 jikkmanda aktar minn 100 militant attiv fil-Provinċja ta' Khost, l-Afganistan. Omar serva bħala Shadow Gvernatur Distrettwali tal-HQN, u mill-2005 bħala kmandant taħt il-mexxej tal-HQN Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, u ppjana jew kellu struzzjonijiet biex jippjana attakki f'isem l-HQN tal-inqas mill-2006. Omar ħadem mat-Taliban, fejn fl-2010 serva bħala membru tal-Kunsill Shura tat-Taliban stabbilit mit-Taliban biex jiddiskuti l-loġistika għal ribelli, ħtiġijiet, taħriġ, kompiti għall-kmandanti, u l-iskjerament ta' ċelloli terroristiċi fix-Xlokk tal-Afganistan. Fl-2010, Omar irċieva wkoll ordnijiet minn Sirajuddin Haqqani.

Omar ipparteċipa fit-tħejjija u l-ippjanar ta' attakki kontra ċittadini Afgani, il-Gvern Afgan, u l-persunal ta' Koalizzjoni fl-Afganistan f'isem kemm l-HQN kif ukoll it-Taliban. Kmieni fl-2013, Omar kien inkarigat mill-kuntrabandu ta' oġġetti esplożivi fl-Afganistan. Fl-2012, Omar u għadd kbir ta' membri oħrajn tal-HQN ħadmu fuq attakk b'apparat esplussiv improvizzat imqiegħed f'vettura kontra kamp tal-Forzi ta' Koalizzjoni u kien involut fl-ippjanar ta' attakki kontra truppi fil-Provinċja ta' Paktiya, l-Afganistan. Mill-2011 'l hawn, Omar kien involut fl-ippjanar ta' attakki suwiċidali. Fl-2010, Omar ingħata l-kompitu minn kmandant tal-HQN biex jaħtaf u joqtol ċittadini Afgani lokali li jaħdmu għall-Forzi ta' Koalizzjoni fil-Provinċji ta' Khost, Paktia, Paktika, u Baghlan, l-Afganistan.

Fl-2010, Omar u mexxejja militanti oħra fir-reġjun qablu li jintensifikaw l-attakki kontra l-Gvern Afgan u l-Forzi ta' Koalizzjoni, jaħtfu diversi distretti u jikkontrollawhom, iħarbtu l-elezzjonijiet tal-assemblea nazzjonali u l-operazzjonijiet għall-kostruzzjoni ta' toroq, u jirreklutaw żgħażagħ lokali.

(134) **Abdul Aziz Abbasin** (magħruf ukoll bħala: (a) Haji Abdul Basir, (b) Haji 'Abd Al- Basir (c) Haji Basir Noorzai, (d) Abdul Baseer, (e) Abdul Basir).

Titlu: Haji. **Indirizz:** Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** (a) 1965, (b) 1960, (c) 1963. **Post tat-twelid:** Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru. tal-passaport:** Numru tal-passaport Pakistan AA3829182. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali Pakistani 5420124679187. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 27.3.2015.

▼M19

Informazzjoni oħra: Sid ta' Haji Basir u Zarjmil Company Hawala, li tipprovdi servizzi finanzjarji lit-Taliban fir-reġjun. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5858164

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Haji Abdul Basir (Basir) huwa l-proprjetarju u l-operatur ta' 'Haji Basir and Zarjmil Company Hawala'. Basir kellu l-awtorità li jqassam il-flus lit-Taliban, u matul dawn l-aħħar ftit snin, Basir qassam eluf ta' dollari permezz tal-hawala tiegħu lill-membri tat-Taliban fir-reġjun. Basir iffinanzja l-attivitajiet tat-Taliban permezz tal-hawala tiegħu, ittrasferixxa flus lil anzjani tat-Taliban u ffaċilita l-ivjaġġar ta' informaturi tat-Taliban.

Sa mill-2012, Basir kien meqjus bħala l-iskambjatur prinċipali tal-flus għat-tmexxija għolja tat-Taliban. Fl-2010 ukoll, Basir isolleċita donazzjonijiet għat-Taliban minn espatrijati Pakistani u Afgani li jgħixu fil-Ġappun, l-Emirati Għarab Magħquda u Singapore.

(135) **Torek Agha** (magħruf ukoll bħala: **(**a) Sayed Mohammed Hashan, (b) Torak Agha, (c) Toriq Agha, (d) Toriq Agha Sayed).

Titlu: Haji. **Indirizz**: Pashtunabad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid**: (a) 1960, (b) 1962, (c) Bejn wieħed u ieħor 1965. **Post tat-twelid**: (a) Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Pishin, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali**: Pakistani 5430312277059 (miksub b'mod frodulenti u minn dak iż-żmien ikkanċellat mill-Gvern tal-Pakistan). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 2.11.2015.

Informazzjoni oħra: Kmandant ewlieni tal-kunsill militari tat-Taliban involut fil-ġbir ta' fondi minn donaturi ibbażati fil-Golf. Huwa disponibbli ritratt biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5905294

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mexxej għoli Taliban lejn l-aħħar tal-2014, Torek Agha (Torek) serva fuq "ix-shura tat-Taliban fi Quetta", korp reġjonali li jidderieġi l-attivitajiet Talibani fin-nofsinhar u l-punent tal-Afganistan, u kellu rwol fil-ġbir ta' fondi minn donaturi ibbażati fil-Golf.

Lejn l-aħħar tal-2014, Torek kien membru ta' grupp responsabbli mill-ippjanar strateġiku u l-operazzjonijiet ta' loġistika tat-tmexxija tat-Taliban u opera wkoll bħala kmandant ewlieni u membru tal-kunsill militari tat-Taliban, u awtorizza u ffaċilita operazzjonijiet militari tat-Taliban. Il-kunsill militari tat-Taliban huwa wieħed minn tliet kunsilli ta' livell ta' kmand u huwa responsabbli biex jissorvelja l-operazzjonijiet tat-Taliban u japprova l-ħatriet tat-tmexxija militari Talibana.

Matul is-snin, Torek kien involut fl-awtorizzazzjoni tal-qtil ta' diversi uffiċjali tal-Gvern Afgan u anzjani tribali. Barra minn hekk, sa mill-bidu tal-2012, huwa kien wieħed minn erba' kmandanti għoljin tat-Taliban li awtorizzaw l-użu ta' trab ta' kimika mhux identifikata għal qtil ta' uffiċjali għolja tal-Gvern Afgan.

▼**M19**

Wara li ngħata struzzjonijiet f'nofs l-2011 minn mexxej għoli Taliban biex jivvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija matul ir-Ramadan biex jirranġa għal finanzjament estern, fl-2012 Torek u diversi mexxejja Talibani oħrajn tax-"shura fi Quetta" għażlu mullahs biex jivvjaġġaw lejn l-Arabja Sawdija u pajjiżi Għarab oħra biex jiġbru donazzjonijiet finanzjarji f'isem it-Taliban kemm mingħand negozjanti u traffikanti Afgani. Minn kmieni fl-2012, Torek irċieva donazzjoni minn donatur Għarbi mhux identifikat bi struzzjonijiet biex jgħaddi l-flus lix-shadow governor provinċjali tat-Taliban għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, għal operazzjonijiet ta' qtil.

Torek ġabar bejn wieħed u ieħor USD 4 miljun minn donaturi bbażati fil-Golf għat-Taliban fl-2010, li l-parti l-kbira tagħhom pprovdihom lill-sieħbu mexxej għoli u kollettur tal-finanzi tat-Taliban Gul Agha Ishakzai (Gul Agha). L-ammonti u s-sorsi tad-diversi trasferimenti ta' fondi ta' Torek tal-2010 operattiv lil Gul Agha kienu kif ġej: USD 1 miljun minn assoċjati fl-Arabja Sawdija; USD 2 miljun minn donaturi fil-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda (EGħM), u l-Arabja Sawdija; u USD 600 000 minn diversi donaturi Għarab miksuba fuq vjaġġ għall-ġbir ta' fondi lejn il-Qatar.

Lejn l-aħħar tal-2009, Torek żamm USD 2 miljun minn donaturi mhux identifikati mill-Qatar u l-Arabja Sawdija maħsuba għat-teżorier tax-"shura fi Quetta" tat-Taliban. Id-donazzjonijiet sostanzjali li ġabar Torek għax-"shura fi Quetta" tat-Taliban matul ir-Ramadan inżammu f'banek Pakistani mhux identifikati u kienu taħt il-kontroll tal-kap teżorier tat-Taliban.

F'nofs l-2006, Torek assenja ġellieda Talibani lil diversi kmandanti operazzjonali tat-Taliban. Huwa kien wieħed mir-rabtiet ewlenin bejn it-tmexxija Talibana u gruppi ta' ġellieda Għarab li waslu fil-Pakistan u fl-Afganistan biex jiġġieldu kontra l-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF).

B. *Entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban*

(1) **Haji Khairullah Haji Sattar money tal-iskambju** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Khairullah-Haji Sattar Sarafi, (b) Haji Khairullah and Abdul Sattar and Company, (c) Haji Khairullah Money Exchange, (d) Haji Khair Ullah Money Service, (e) Haji Salam Hawala, (f) Haji Hakim Hawala, (g) Haji. alim Hawala, (h) Sarafi-yi Haji Khairullah Haji Satar Haji Esmatullah).

Indirizz: (a) (Uffiċċju tal-Fergħa 1: (i) Triq Chohar Mir, Kandahari Bazaar, Belt ta' Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (ii) Numru tal-kamra 1, Hafiz Abdul Sattar Plaza, Triq Saleem, Munsafi Road, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, Pakistan, (iii) Il-ħanut numru 3, Triq Dr Bano, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (iv) Uffiċċju numru 3, Triq Near Fatima Jinnah, Triq Dr Bano, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (v) Triq Kachara, Nasrullah Khan Chowk, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (vi) Triq Wazir Mohammad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan), (b) (Uffiċċju tal-Fergħa 2: Peshawar, Provinċja ta' Khyber Paktunkhwa, il-Pakistan) (c) (Uffiċċju tal-Fergħa 3: Troiq Moishah Chowk, Lahore, Provinċja ta' Punjab, il-Pakistan), (d) (Uffiċċju tal-Fergħa 4: Karachi, Provinċja ta' Sindh, il-Pakistan), (e) (Uffiċċju tal-Fergħa 5: (i) Triq Larran numru 2, Chaman, Baluchistan Province, il-Pakistan, (ii) Chaman Central Bazaar, Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan), (f) (Uffiċċju tal-Fergħa 6: Ħanut numru 237, Shah Zada Market (magħruf ukoll bħala Sarai Shahzada), Żona ta' Puli Khisti, Distrett 1 tal-Pulizija, Kabul, l-Afganistan, Telefon: +93-202-103386, +93-202-101714, 0202-104748, Mobajl: +93-797-059059, +93-702-222222, posta elettronika: helmand_exchange_msp@yahoo.com), (g) (Uffiċċju tal-Fergħa 7: (i) Numri tal-ħwienet 21 u 22, it-2 Sular, Sarafi Market tal-Belt ta'

▼M19

Kandahar, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (ii) New Sarafi Market, it-2 Sular, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (iii) Safi Market, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan), (h) (Uffiċċju tal-Fergħa 8: Belt ta' Gereshk, Distrett ta' Nahr-e Saraj, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (i) (Fergħa tal-Uffiċċju 9: (i) Lashkar Gah Bazaar, Lashkar Gah, Distrett ta' Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (ii) Haji Ghulam Nabi Market, it-2 Sular, Distrett ta' Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, Afganistan), (j) (Uffiċċju tal-Fergħa 10: i) Numri tal-kmamar 196-197, it-3 Sular, Khorasan Market, Belt ta' Herat, Provinċja ta' Herat, l-Afganistan, (ii) Khorasan Market, Shahre Naw, Distrett 5, Belt ta' Herat, Provinċja ta' Herat, l-Afganistan), (k) (Uffiċċju tal-Fergħa 11: (i) Sarafi Market, Distrett ta' Zaranj, Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan, (ii) Ansari Market, it-2 Sular, Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan), (l) (Uffiċċju tal-Fergħa 12: Sarafi Market, Wesh, Distrett ta' Spin Boldak, l-Afganistan), (m) (Uffiċċju tal-Fergħa 13: Sarafi Market, Farah, l-Afganistan), (n) (Uffiċċju tal-Fergħa 14: Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda), (o) Uffiċċju tal-Fergħa 15: Zahedan, Iran), (p) (Uffiċċju tal-Fergħa 16: Zabul, Iran). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 29.6.2012.

Informazzjoni oħra: Numru tat-Taxxa Nazzjonali tal-Pakistan: 1774308; Numru tat-Taxxa Nazzjonali tal-Pakistan: 0980338; Numru tat-Taxxa Nazzjonali tal-Pakistan: 3187777; Numru tal-Liċenzja Afgan ta' Fornitur ta' Servizzi ta' Flus: 044. Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange kien jintuża mit-tmexxija tat-Taliban biex jiġu ttrasferiti flus lil kmandanti tat-Taliban biex jiġu ffinanzjati ġellieda u operaturi fl-Afganistan fl-2011.

Assoċjat ma' Abdul Sattar Abdul Manan u Khairullah Barakzai Khudai Nazar. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/une/5235593

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange (HKHS) jappartjeni b'mod konġunt għal Abdul Satar Abdul Manan u Khairullah Barakzai Khudai Nazar. Satar u Khairullah ħaddmu skambji ta' flus fl-Afganistan, il-Pakistan, u Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Mexxejja tat-Taliban użaw l-HKHS biex iqassmu flus lil gvernaturi alternattivi u kmandanti u biex jirċievu trasferimenti ta' hawala (rimessa ta' flus informali) għat-Taliban. Fl-2011, it-tmexxija tat-Taliban għaddiet flus lil kmandanti tat-Taliban fl-Afganistan bl-użu tal-HKHS. Lejn l-aħħar tal-2011, il-fergħa tal-HKHS f'Lashkar Gah, il-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, intużat biex tibgħat flus lill-gvernatur alternattiv tat-Taliban għall-Provinċja ta' Helmand. F'nofs l-2011, kmandant tat-Taliban uża fergħa tal-HKHS fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan biex jiffinanzja ġellieda u operaturi fl-Afganistan. Wara li t-Taliban iddepożitaw ammont sinfikanti ta' flus kontanti kull xahar ma' din il-fergħa tal-HKHS, kmandanti tat-Taliban setgħu jaċċessaw il-fondi minn kwalunkwe fergħa tal-HKHS. Il-persunal tat-Taliban użaw l-HKHS fl-2010 biex jittrasferixxu flus lil hawalas fl-Afganistan fejn kmandanti operazzjonali setgħu jaċċessaw il-fondi. Lejn tmiem l-2009, il-mexxej tal-fergħa tal-HKHS f'Lashkar Gah ħa ħsieb il-moviment ta' fondi tat-Taliban permezz tal-HKHS.

(2) **Roshan money exchange** (magħruf ukoll bħala (a) Roshan Sarafi, (b) Roshan Trading Company, (c) Rushaan Trading Company, (d) Roshan Shirkat, (e) Maulawi Ahmed Shah Hawala, (f) Mullah Ahmed Shah Hawala, (g) Haji Ahmad Shah Hawala, (h) Ahmad Shah Hawala).

▼M19

Indirizz: (a) (Uffiċċju tal-Fergħa 1: (i) Numru tal-ħanut 1584, Furqan (varjant Fahr Khan) Center, Triq Chalhor Mal,Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (ii) Numru tal-flat 4, Furqan Center, Triq Jamaluddin Afghani, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (iii) Numru tal-uffiċċju 4, it-2 Sular, Muslim Plaza Building, Triq Doctor Banu, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (iv) Triq Cholmon, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (v) Triq Munsafi, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, (vi) Ħanut numru 1, l-1 Sular, Kadari Place, Triq Abdul Samad Khan (ma' ġeng Triq Fatima Jena), Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan), (b) (Uffiċċju tal-Fergħa 2: (i) Safar Bazaar, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (ii) Main Bazaar, Safar, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (c) (Uffiċċju tal-Fergħa 3: (i) Haji Ghulam Nabi Market, Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (ii) Money Exchange Market, Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (iii) Lashkar Gah Bazaar, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (d) (Uffiċċju tal-Fergħa 4: Hazar Joft, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (e) (Uffiċċju tal-Fergħa 5: Ismat Bazaar, Distrett ta' Marjah, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (f) Uffiċċju tal-Fergħa 6: Zaranj, Provinċja ta' Nimruz, l-Afganistan), (g) (Uffiċċju tal-Fergħa 7: (i) Numru tal-kamra 8, ir-4 Sular, Sarafi Market, Distrett numru 1, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (ii) Ħanut numru 25, il-5 Sular, Sarafi Market, Belt ta' Kandahar, Distrett ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan), (h) (Uffiċċju tal-Fergħa 8: Belt ta' Lakri, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan), (i) (Uffiċċju tal-Fergħa 9: Gerd-e-Jangal, Distrett ta' Chaghi, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan), (j) (Uffiċċju tal-Fergħa 10: Chaghi, Distrett ta' Chaghi, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan), (k) (Uffiċċju tal-Fergħa 11: Aziz Market, quddiem Azizi Bank, Waish Border, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 29.6.2012.

Informazzjoni oħra: Roshan Money Exchange jaħżen u jittrasferixxi fondi biex jiġu appoġġati operazzjonijiet militari tat-Taliban u l-kummerċ tan-narkotiċi fl-Afganistan. Proprjetà ta' Ahmed Shah Noorzai Obaidullah. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5282182

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Roshan Money Exchange (RMX) jaħżen u jittrasferixxi fondi biex jappoġġaw operazzjonijiet militari tat-Taliban u r-rwol tat-Taliban fil-kummerċ tan-narkotiċi Afgan. RMX kien wieħed mill-hawalas ewlenin (servizzi ta' rimessa ta' flus informali) użat minn uffiċjali tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand fl-2011. Fl-2011, membru għoli tat-Taliban ġibed mijiet ta' eluf ta' dollari minn fergħa tal-RMX fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan biex iqassamhom lil gvernaturi provinċjali alternattivi tat-Taliban. Biex jiffinanzja r-ribelljoni tar-rebbiegħa fl-2011, il-gvernatur alternattiv tat-Taliban tal-Provinċja ta' Helmand bagħat mijiet ta' eluf ta' dollari lill-RMX. Ukoll fl-2011, membru tat-Taliban irċieva għexieren ta' eluf ta' dollari mill-RMX biex jappoġġaw operazzjonijiet militari. Fergħa tal-RMX fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan ukoll żammet għexieren ta' eluf ta' dollari li kellhom jinġabru minn kmandant tat-Taliban. Fl-2010, f'isem il-gvernatur alternattiv tat-Taliban tal-Provinċja ta' Helmand, membru tat-Taliban uża l-RMX biex jibgħat eluf ta' dollari lir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Il-fergħa tal-RMX f'Lashkar Gah, il-Provinċja ta' Helmand, intużat mit-Taliban biex jiġu ttrasferiti fondi għal operazzjonijiet lokali. Fl-2011, sottokmandant tat-Taliban ittrasferixxa għexieren ta' eluf ta' dollari lil kmandant tat-Taliban permezz tal-fergħa tal-RMX f'Lashkar Gah. It-Taliban bagħat ukoll fondi lill-fergħa tal-RMX f'Lashkar Gah biex jitqassmu lil kmandanti tat-Taliban fl-2010. Ukoll fl-2010, membru tat-Taliban uża l-RMX biex jibgħat għexieren ta' eluf ta' dollari lill-Provinċja

▼M19

ta' Helmand u l-Provinċja ta' Herat, l-Afganistan f'isem il-gvernatur alternattiv tat-Taliban tal-Provinċja ta' Helmand. Fl-2009, rappreżentant għoli tat-Taliban ġibed mijiet ta' eluf ta' dollari minn fergħa tal-RMX fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan biex jiffinanzja operazzjonijiet militari tat-Taliban fl-Afganistan.

Il-flus mibgħuta lill-RMX oriġinaw fl-Iran. Fl-2008, mexxej tat-Taliban uża l-RMX biex jittrasferixxi għexieren ta' eluf ta' dollari mill-Pakistan għall-Afganistan. It-Taliban juża wkoll l-RMX biex jiffaċilita r-rwol tiegħu fil-kummerċ tan-narkotiċi Afgan. Fl-2011, uffiċjali tat-Taliban, inkluż il-gvernatur alternattiv tal-Provinċja ta' Helmand, ittrasferew mijiet ta' eluf ta' dollari minn fergħa tal-RMX fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan lil hawalas fl-Afganistan għax-xiri ta' narkotiċi f'isem uffiċjali tat-Taliban. Ukoll fl-2011, uffiċjal tat-Taliban ordna lil kmandanti tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand biex jittrasferixxu dħul mil-loppju permezz tal-RMX. Kap ta' distrett tat-Taliban ittrasferixxa eluf ta' dollari minn Marjah, il-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, għal fergħa tal-RMX fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

(3) **Haqqani Network** (magħruf ukoll bħala HQN).

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 5.11.2012.

Informazzjoni oħra: Netwerk ta' ġellieda Talibani kkonċentrati madwar il-fruntiera bejn il-Provinċja ta' Khost, l-Afganistan u t-Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan. Twaqqaf minn Jalaluddin Haqqani u attwalment immexxi minn ibnu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. Membri oħra elenkati jinkludu Nasiruddin Haqqani, Sangeen Zadran Sher Mohammad, Abdul Aziz Abbasin, Fazl Rabi, Ahmed Jan Wazir, Bakht Gul, Abdul Rauf Zakir. Responsabbli mill-attakki suwiċidali u qtil immirat kif ukoll ħtif f'Kabul u provinċji oħra tal-Afganistan. Konness mal-Al-Qaida, il-Moviment Iżlamiku tal-Użbekistan, Tehrik-e Taliban Pakistan, Lashkar I Jhangvi, u Jaish-IMohammed. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5282012

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

In-Netwerk ta' Haqqani għandha l-għeruq tagħha fil-kunflitt Afgan ta' tmiem is-snin sebgħin. F'nofs is-snin tmenin, Jalaluddin Haqqani, il-fundatur tan-Netwerk ta' Haqqani, ħoloq relazzjoni mal-mexxej ta' Al-Qaida, Usama bin Laden (mejjet). Jalaluddin ingħaqad mal-moviment Taliban fl-1995, iżda żamm il-bażi tas-setgħa tiegħu stess tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Wara l-waqgħa tat-Taliban fl-2001, it-tifel ta' Sirajuddin Haqqani ħa l-kontroll tan-netwerk u minn dak iż-żmien 'l hawn mexxa l-grupp biex ikun minn ta' quddiem nett f'attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan.

In-netwerk ta' Haqqani kien responsabbli għal bosta mill-attakki ta' profil għoli fl-Afganistan. F'Jannar 2008, aġent tan-Netwerk ta' Haqqani attakkaw lis-Serena Hotel f'Kabul, u qatlu tmien persuni. F'Jannar 2010, in-Netwerk ta' Haqqani kien wara attakk koordinat fuq binjiet ewlenin tal-gvern f'Kabul, fejn inqatlu ħames persuni u ndarbu 70. F'Ġunju 2011, in-netwerk kien responsabbli għall-attakk fuq l-Intercontinental Hotel f'Kabul, fejn inqatlu 11-il persuna ċivili Afgana u żewġ pulizija Afgani. In-netwerk ta' Haqqani kien ukoll responsabbli mill-attakk ta' Settembru 2011 kontra l-Ambaxxata tal-Istati Uniti u l-Kwartieri Ġenerali tal-Forza Internazzjonali ta' Assistenza għas-Sigurtà (ISAF) f'Kabul. Sittax-il Afgan inqatlu fl-attakk

▼M19

ta' 19-il siegħa, inkluż mill-inqas sitt itfal. Il-grupp kien ukoll wara l-attakki kkoordinati tal-15 ta' April 2012 f'Kabul u tlett ibliet Afgani oħrajn, li damu 18-il siegħa u ħallew mill-inqas 11-il persunal tas-sigurtà Afgan u erba' persuni ċivili mejta.

In-netwerk ta' Haqqani kien involut ukoll f'għadd ta' ħtif ta' persuni, u kkoopera mat-Taliban u organizzazzjonijiet militanti oħrajn fl-Afganistan.

(4) **Rahat Ltd**. (magħrufa wkoll bħala (a) Rahat Trading Company, (b) Haji Muhammad Qasim Sarafi, (c) New Chagai Trading, (d) Musa Kalim Hawala).

Indirizz: (a) Uffiċċju tal-Fergħa 1: Numru tal-kamra 33, Sular 5, Sarafi Market, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan (b) Uffiċċju tal-Fergħa 2: Numru tal-ħanut 4, Azizi Bank, Haji Muhammad Isa Market, Wesh, Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan (c) Uffiċċju tal-Fergħa 3: Safaar Bazaar, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan (d) Uffiċċju tal-Fergħa 4: Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan (e) Uffiċċju tal-Fergħa 5: Distrett ta' Gereshk, Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan (f) Uffiċċju tal-Fergħa 6: Distrett ta' Zaranj, Provinċja ta' Nimroz, l-Afganistan, (g) Uffiċċju tal-Fergħa 7: (i)Triq Dr. Barno, Quetta, il-Pakistan, (ii) Haji Mohammed Plaza, Triq Tol Aram, viċin Triq Jamaluddin Afghani, Quetta, il-Pakistan, (iii) Kandahari Bazaar, Quetta, il-Pakistan (h) Uffiċċju tal-Fergħa 8: Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan (i) Uffiċċju tal-Fergħa 9: Chaghi Bazaar, Chaghi, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan (j) Uffiċċju tal-Fergħa 10: Zahedan, Provinċja ta' Zabol, Iran. **Data tad-dežinjazzjoni min-NU**: 21.11.2012.

Informazzjoni oħra: Rahat Ltd. intużat mit-tmexxija Talibana għat-trasferiment ta' fondi li oriġinaw minn donaturi esterni u traffikar tan-narkotiċi għall-finanzjament tal-attività Talibana fl-2011 u l-2012. Proprjeta' ta' Mohammed Qasim Mir Wali Khudai Rahim. Assoċjat ukoll Mohammad Naim Barich Khudaidad. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5282195

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Rahat Ltd. hija netwerk ta' hawala proprjetà ta' Mohammed Qasim Mir Wali Khudai Rahim, li tinkludi fergħat madwar l-Afganistan, il-Pakistan u l-Iran, li tipparteċipa fil-finanzjament u l-iffaċilitar tar-ribelli Talibani.

Fl-2011 u l-2012, persuni f'karigi għoljin tat-Taliban regolarment użaw il-fergħat differenti ta' Rahat Ltd. biex jaħżnu u jittrasferixxu fondi li oriġinaw minn donaturi esterni u traffikar tan-narkotiċi.

Dan jinkludi b'mod partikolari l-iffaċilitar ta' fondi sostanzjali f'isem ix-Shadow Governor Provinċjali tat-Taliban maħsula permezz ta' Rahat Ltd.. Fl-2011 u l-2012, f'bosta okkażjonijiet, persuni f'karigi għoljin tat-Taliban ħadu ħsieb trasferimenti u transazzjonijiet permezz ta' Rahat Ltd. ta' mijiet ta' eluf ta' dollari Amerikan f'finanzjament mir-reġjun tal-Golf u l-Iran li kienu maħsuba biex jiffinanzjaw l-attivitajiet ta' ribelli Talibani.

Persuni f'karigi għoljin tat-Taliban personalment kellhom interazzjoni ma' maniġers tal-fergħat ta' Rahat Ltd., iffrekwentaw fergħat ta' Rahat Ltd. u użaw lil Rahat Ltd. biex jirċievu, jaħżnu u jibagħtu fondi biex jappoġġaw operazzjonijiet ta' ribelljoni fl-Afganistan. Reċentement, ix-Shadow Governor Provinċjali tat-Taliban għall-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, Mohammad Naim Barich, magħruf ukoll bħala Mullah Naim Barich, pprovda fondi permezz ta' Rahat Ltd. għal kmandanti subordinati biex jippjanaw u jmexxu operazzjonijiet ta' ribelljoni fin-Nofsinhar tal-Afganistan. Dawn l-operazzjonijiet b'mod dirett jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Afganistan.

▼M19

Rahat Ltd. tipprovdi servizzi finanzjarji lil netwerks tan-narkotiċi affiljati mat-Taliban fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan permezz tal-involviment dirett tal-maniġers tal-fergħat tagħha fit-traffikar tan-narkotiċi u l-assoċjazzjoni mill-qrib tagħhom ma' Persuni f'karigi għoljin fi ħdan dawn in-netwerks tan-narkotiċi.

(5) **Haji Basir and Zarjmil Company Hawala** (magħrufa wkoll bħala: (a) Haji Bashir and Zarjmil Hawala Company, (b) Haji Abdul Basir and Zar Jameel Hawala, (c) Haji Basir Hawala, (d) Haji Baseer Hawala, (e) Haji Abdul Basir Exchange Shop, (f) Haji Basir and Zarjamil Currency Exchange, (g) Haji Zar Jamil, Haji Abdul Baseer Money Changer). **Data tad-dežinjazzjoni min-NU:** 27.3.2015.

Indirizz: (a) Uffiċċju tal-Fergħa 1: Sanatan (varjant Sanatin) Bazaar, Triq Sanatan Bazaar, qrib Triq Trench (varjant Tranch), Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. (b) Uffiċċju tal-Fergħa 2: Quetta, il-Pakistan, (c) Uffiċċju tal-Fergħa 3: Lahore, il-Pakistan, (d) Uffiċċju tal-Fergħa 4: Peshawar, il-Pakistan, (e) Uffiċċju tal-Fergħa 5: Karachi, il-Pakistan, (f) Uffiċċju tal-Fergħa 6: Islamabad, il-Pakistan, (g) Uffiċċju tal-Fergħa 7: Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (h) Uffiċċju tal-Fergħa 8: Provinċja ta' Herat, l-Afganistan, (i) Uffiċċju tal-Fergħa 9: Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (j) Uffiċċju tal-Fergħa 10: Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (k) Uffiċċju tal-Fergħa 11: Iran.

Informazzjoni oħra: Fornitur ta' servizzi ta' flus użat minn mexxejja anzjani tat-Taliban għat-trasferiment ta' fondi lil kmandanti tat-Taliban fir-reġjun. Proprjetà ta' Abdul Basir Noorzai. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5858170

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Haji Basir and Zarjmil Company Hawala ġiet inkluża fil-lista fis-27 ta' Marzu 2015 skont il-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni 2160 (2014) minħabba "parteċipazzjoni fl-iffinanzjar, fl-ippjanar, fl-iffaċilitar, fit-tħejjija jew fit-twettiq ta' atti jew attivitajiet li jsiru minn, flimkien ma', taħt isem, f'isem jew b'appoġġ għal" u "xi forma oħra ta' atti jew attivitajiet ta' appoġġ ta'" dawk l-individwi, gruppi, impriżi u entitajiet iddeżinjati u oħrajn li huma assoċjati mat-Taliban fit-theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Afganistan.

Informazzjoni addizzjonali:

Haji Basir and Zarjmil Company Hawala (Basir Zarjmil Hawala) f'Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan hija l-proprjetà ta' Abdul Basir Noorzai. Hija tqassam flus lill-membri tat-Taliban fir-reġjun. Mexxejja għoljin tat-Taliban fir-reġjun ippreferew li jittrasferixxi flus lil kmandanti tat-Taliban permezz ta' Basir Zarjmil Hawala u Haji Khairullah Haji Sattar Money Exchange.

Fl-2013, Basir Zarjmil Hawala qassmet eluf ta' dollari lil kmandanti tat-Taliban fir-reġjun, u b'ħekk iffaċilitat il-finanzjament ta' operazzjonijiet tat-Taliban. Fl-2012, Basir Zarjmil Hawala wettqet transazzjonijiet ta' eluf ta' dollari relatati ma' armi u spejjeż operattivi oħra għat-Taliban.

▼B

ANNESS II

LISTA TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-ISTATI MEMBRI U INDIRIZZ GĦAN-NOTIFIKI LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

(Għandha timtela mill-Istati Membri)

A. Awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru:

BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternational Retsorden/Sanktioner/

ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id = 28519

GREĊJA

http://www.mfa.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral + Diplomacy/Global + Issues/International + Sanctions/

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

▼M12

IL-KROAZJA

http://www.mvep.hr/sankcije

▼B

ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

LITWANJA

http://www.urm.lt

LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

▼B

UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

PAJJIŻI L-BAXXI

http://www.minbuza.nl/sancties

AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id = 12750&LNG = en&version=

POLONJA

http://www.msz.gov.pl

PORTUGALL

http://www.min-nestrangeiros.pt

RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

SVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

B. Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea jew għal xi komunikazzjoni oħra magħha:

Kummissjoni Ewropea
Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija
CHAR 12/106
B-1049 Bruxelles/Brussel
Belġju

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu
Tel. (32 2) 295 5585